PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**2013/2114(INI)**

21.10.2013

# EMENDI
# 1 - 190

**Abbozz ta' rapport**
**Françoise Castex**
(PE519.560v02-00)

It-tariffi għal kopji privati
(2013/2114(INI))

**Emenda 1**

**Marielle Gallo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, speċjalment fil-każijiet C-467/08, Padawan/SGAE, tal-21 ta' Ottubru 2010, C-457/11 - C-460/11, VG Wort/Kyocera Mita e.a., tas-27 ta' Ġunju 2013 u C-521/11, Austro Mechana/Amazon, tal-11 ta' Lulju 2013, | – wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, speċjalment fil-każijiet C-467/08, Padawan/SGAE, tal-21 ta' Ottubru 2010, ***C-462/09, Stichting de Thuiskopie/Opus e.a. tas-16 ta' Ġunju 2011,*** C-457/11 - C-460/11, VG Wort/Kyocera Mita e.a., tas-27 ta' Ġunju 2013 u C-521/11, Austro Mechana/Amazon, tal-11 ta' Lulju 2013, |

Or. fr

**Emenda 2**
**Françoise Castex**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, speċjalment fil-każijiet C-467/08, ***Padawan/SGAE,*** tal-21 ta' Ottubru 2010, C-457/11 - C-460/11, VG ***Wort/Kyocera*** Mita ***e.a.,*** tas-27 ta' Ġunju 2013 u C-521/11, Austro ***Mechana/Amazon***, tal-11 ta' Lulju 2013, | – wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, speċjalment fil-każijiet C-467/08, ***Padawan vs SGAE*** tal-21 ta' Ottubru 2010, ***C-462/09, Stichting de Thuiskopie vs Opus Deustchland GmbH u oħrajn tas-16 ta' Ġunju 2011, C-277/10 Martin Luksan vs Petrus van der Let tad-9 ta' Frar 2012,*** C-457/11 - C-460/11, VG ***Wort vs Kyocera*** Mita ***et al.*** tas-27 ta' Ġunju 2013 u C-521/11, Austro ***Mechana vs Amazon***, tal-11 ta' Lulju 2013, |

Or. fr

**Emenda 3**
**Jean-Marie Cavada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, speċjalment fil-każijiet C-467/08, Padawan/SGAE, tal-21 ta' Ottubru 2010, C-457/11 - C-460/11, VG Wort/Kyocera Mita e.a., tas-27 ta' Ġunju 2013 ***u*** C-521/11, Austro Mechana/Amazon, tal-11 ta' Lulju 2013, | – wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, speċjalment fil-każijiet C-467/08, Padawan/SGAE, tal-21 ta' Ottubru 2010, C-457/11 - C-460/11, VG Wort/Kyocera Mita e.a., tas-27 ta' Ġunju 2013***,*** C-521/11, Austro Mechana/Amazon, tal-11 ta' Lulju 2013 ***u C-462/09***, ***Stichting de Thuiskopie/Opus Supplies GmbH tas-16 ta' Ġunju 2011.*** |

Or. fr

**Emenda 4**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, speċjalment fil-każijiet C-467/08, Padawan v. SGAE, tal-21 ta' Ottubru 2010, C-457/11 - C-460/11, VG Wort v. Kyocera Mita e.a, tas-27 ta' Ġunju 2013, u C-521/11, Austro Mechana v. Amazon, tal-11 ta' Lulju 2013, | – wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, speċjalment fil-każijiet C-467/08, Padawan v. SGAE, tal-21 ta' Ottubru 2010, ***C-462/09, Stichting de Thuiskopie v. Opus u oħrajn, tas-16 ta' Ġunju 2011,*** C-457/11 - C-460/11, VG Wort v. Kyocera Mita e.a, tas-27 ta' Ġunju 2013, u C-521/11, Austro Mechana v. Amazon, tal-11 ta' Lulju 2013, |

Or. de

**Emenda 5**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja d-dokument "Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati u ħruġ ta' liċenzji multiterritorjali ta' drittijiet f'xogħlijiet mużikali għal użi online fis-suq intern*** |

Or. en

**Emenda 6**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-medjazzjoni dwar it-tariffi għal kopja u riproduzzjoni privati tal-31 ta' Jannar 2013, | – wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet ***ta' António Vitorino*** tal-medjazzjoni dwar it-tariffi għal kopja u riproduzzjoni privati tal-31 ta' Jannar 2013, |

Or. de

**Emenda 7**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 9a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali "Id-drittijiet tal-awtur fis-setturi tal-mużika u awdjoviżivi", approvat fid-29 ta' Ġunju 2011,*** |

Or. en

**Emenda 8**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-kultura u l-kreattività huma l-bażi tal-identità Ewropea passata u preżenti; li huma, fil-futur, ***għandhom rwol essenzjali fl-iżvilupp*** ekonomiku u soċjali tal-Unjoni Ewropea; | A. billi l-kultura u l-kreattività huma l-bażi tal-identità Ewropea passata u preżenti; li huma, ***issa u*** fil-futur, ***juru b'mod ċar in-nisġa tal-iżvilupp*** ekonomiku u soċjali tal-Unjoni Ewropea; |

Or. en

**Emenda 9**
**Jean-Marie Cavada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-kontenut kulturali għandu rwol kruċjali fl-ekonomija diġitali; billi t-tkabbir diġitali tal-Ewropa fil-ġejjieni se jiddependi fuq jekk ikollhiex provvista varjata ta' kontenut kulturali ta' kwalità għolja; mill-konsultazzjonijiet u minn diversi studji jidher li s-setturi tal-kultura u tal-kreattività jaffaċjaw problemi komuni relatati mat-tranżizzjoni diġitali u mal-globalizzazzjoni ***kif ukoll diffikultajiet finanzjarji u biex jinstabu s-soluzzjonijiet għal dawn il-problemi, hemm bżonn ta' azzjoni fuq il-livell tal-Unjoni***; | B. billi l-kontenut kulturali għandu rwol kruċjali fl-ekonomija diġitali; billi t-tkabbir diġitali tal-Ewropa fil-ġejjieni se jiddependi fuq jekk ikollhiex provvista varjata ta' kontenut kulturali ta' kwalità għolja; mill-konsultazzjonijiet u minn diversi studji jidher li s-setturi tal-kultura u tal-kreattività jaffaċjaw problemi komuni relatati mat-tranżizzjoni diġitali u mal-globalizzazzjoni; |

Or. fr

**Emenda 10**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-kontenut kulturali għandu rwol kruċjali fl-ekonomija diġitali; billi t-tkabbir diġitali tal-Ewropa fil-ġejjieni se jiddependi fuq jekk ikollhiex provvista varjata ta' kontenut kulturali ta' kwalità għolja; mill-konsultazzjonijiet u minn diversi studji jidher li s-setturi tal-kultura u tal-kreattività jaffaċjaw problemi komuni relatati mat-tranżizzjoni diġitali u ***mal-globalizzazzjoni kif ukoll diffikultajiet finanzjarji*** u biex jinstabu s-soluzzjonijiet għal dawn il-problemi, hemm bżonn ta' azzjoni fuq il-livell tal-Unjoni; | B. billi l-kontenut kulturali għandu rwol kruċjali fl-ekonomija diġitali; billi t-tkabbir diġitali tal-Ewropa fil-ġejjieni se jiddependi fuq jekk ikollhiex provvista varjata ta' kontenut kulturali ta' kwalità għolja; mill-konsultazzjonijiet u minn diversi studji jidher li s-setturi tal-kultura u tal-kreattività jaffaċjaw problemi komuni relatati mat-tranżizzjoni diġitali***, mal-globalizzazzjoni*** u ***mudelli kummerċjali ġodda*** u biex jinstabu s-soluzzjonijiet ***konġunti*** għal dawn il-problemi ***u jinħoloq suq uniku diġitali***, hemm bżonn ta' azzjoni fuq il-livell tal-Unjoni; |

Or. de

**Emenda 11**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi ***l-kontenut*** kulturali ***għandu rwol kruċjali fl-ekonomija*** diġitali; billi ***t-tkabbir diġitali tal-Ewropa fil-ġejjieni se jiddependi fuq jekk ikollhiex provvista varjata*** ta' kontenut kulturali ta' kwalità għolja; mill-konsultazzjonijiet ***u minn diversi studji*** jidher li ***s-setturi tal-kultura*** u ***tal-kreattività jaffaċjaw problemi komuni relatati mat-tranżizzjoni diġitali u mal-globalizzazzjoni kif ukoll diffikultajiet finanzjarji u*** biex jinstabu s-soluzzjonijiet għal dawn il-problemi, hemm bżonn ta' azzjoni fuq il-livell tal-Unjoni; | B. billi ***l-ħolqien*** kulturali ***u artistiku huwa integrali għall-ekonomija*** diġitali; billi ***l-espressjoni*** ta' kontenut kulturali ***kemm*** ta' kwalità għolja ***kif ukoll ordinarju jiddependi minn aċċess ugwali għat-tkabbir diġitali tal-Ewropa***; mill-konsultazzjonijiet jidher li ***s-suq diġitali Ewropew għadu ma wettaqx il-wegħdiet ta' distribuzzjoni effettiva, kumpens ġust għall-kreaturi*** u ***distribuzzjoni ġusta u effettiva tad-dħul fis-settur kulturali inġenerali u*** biex jinstabu s-soluzzjonijiet għal dawn il-problemi, hemm bżonn ta' |

azzjoni fuq il-livell tal-Unjoni;

Or. en

**Emenda 12**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi t-tranżizzjoni diġitali għandha impatt enormi fuq il-mod kif l-oġġetti kulturali huma prodotti, distribwiti, kummerċjalizzati u kkunsmati; li l-ispejjeż ta' distribuzzjoni l-iktar baxxi u l-okkorrenza ta' kanali ta' distribuzzjoni ġodda jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess għax-xogħlijiet u għall-kultura u jtejbu ċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet fid-dinja kollha; | C. billi t-tranżizzjoni diġitali għandha impatt enormi fuq il-mod kif l-oġġetti kulturali huma prodotti, distribwiti, kummerċjalizzati u kkunsmati; li l-ispejjeż ta' distribuzzjoni l-iktar baxxi u l-okkorrenza ta' kanali ta' distribuzzjoni ġodda jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess għax-xogħlijiet u għall-kultura u jtejbu ċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet fid-dinja kollha; ***billi l-opportunitajiet tas-suq għal servizzi u negozji ġodda żdiedu ħafna bħala riżultat;*** |

Or. de

**Emenda 13**
**Marietje Schaake**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi t-tranżizzjoni diġitali għandha impatt enormi fuq il-mod kif ***l-oġġetti*** kulturali ***huma prodotti, distribwiti, kummerċjalizzati u kkunsmati***; li l-ispejjeż ta' distribuzzjoni l-iktar baxxi u ***l-okkorenza*** ta' kanali ta' distribuzzjoni ġodda ***jistgħu*** jiffaċilitaw l-aċċess għax-xogħlijiet u għall-kultura u ***jtejbu*** ċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet fid-dinja kollha; | C. billi t-tranżizzjoni diġitali għandha impatt enormi fuq il-mod kif ***il-kontenut*** kulturali ***huwa prodott, distribwit, kummerċjalizzat u kkunsmat***; li l-ispejjeż ta' distribuzzjoni l-iktar baxxi u ***l-popolarità li qiegħda tikber*** ta' kanali ta' distribuzzjoni ġodda jiffaċilitaw l-aċċess għax-xogħlijiet u għall-kultura u ***b'hekk itejbu*** ċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet fid- |

dinja kollha ***u jipprovdu lill-artisti opportunitajiet ġodda artistiċi u ekonomiċi***;

Or. en

**Emenda 14**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi t-tranżizzjoni diġitali għandha impatt enormi fuq il-mod kif ***l-oġġetti*** kulturali huma ***prodotti***, distribwiti***, kummerċjalizzati u kkunsmati***; li ***l-ispejjeż ta' distribuzzjoni*** l-iktar baxxi u l-okkorenza ta' kanali ta' distribuzzjoni ġodda ***jistgħu*** jiffaċilitaw l-aċċess għax-xogħlijiet u għall-kultura u jtejbu ċ-ċirkolazzjoni ta' ***xogħlijiet*** fid-dinja kollha; | C. billi t-tranżizzjoni diġitali għandha impatt enormi fuq il-mod kif ***l-identitajiet*** kulturali huma ***espressi***, distribwiti ***u żviluppati***; li ***l-barrieri għall-parteċipazzjoni*** l-iktar baxxi u l-okkorenza ta' kanali ta' distribuzzjoni ġodda jiffaċilitaw l-aċċess għax-xogħlijiet u għall-kultura u jtejbu ċ-ċirkolazzjoni***, l-iskoperta u l-iskoperta mill-ġdid*** ta' ***ħolqien kulturali u artistiku*** fid-dinja kollha ***u jipprovdu opportunitajiet għall-kreaturi u l-artisti***; |

Or. en

**Emenda 15**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. billi l-pretensjoni tal-awtur għall-protezzjoni tax-xogħol kreattiv tiegħu u d-dritt għal remunerazzjoni ekwa għal dak ix-xogħol jeħtieġ li jeżistu wkoll fl-era diġitali;*** |

Or. de

**Emenda 16**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cb. billi l-ikkupjar privat diġitali ħa importanza ekonomika ewlenija b'riżultat tal-progress teknoloġiku u l-bidla lejn l-Internet u l-Cloud, u s-sistema eżistenti tat-tariffi għal kopji privati ma tqisx biżżejjed l-iżviluppi fl-era diġitali; billi attwalment m'hemmx approċċ alternattiv f'dan il-qasam li jiżgura remunerazzjoni xierqa għad-dipendenti u fl-istess ħin jagħmel l-ikkupjar privat possibbli; billi għalhekk għandha ssir diskussjoni fuq żmien twil dwar approċċ iżjed effiċjenti u aġġornat li jqis iżjed il-progress teknoloġiku;*** |

Or. de

**Emenda 17**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi l-proposta ta' Direttiva dwar il-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati attwali li bħalissa qed jiġu nnegozjati***, tikkonferma dan il-mudell ta' ġestjoni ta' drittijiet tal-awtur u*** tagħti attenzjoni partikulari lit-trasparenza ta' fluss ta' remunerazzjoni rċevuta, imqassma u mħallsa lid-detenturi ta' drittijiet minn soċjetajiet ta' ġestjoni kollettiva***, inkluż il-kopja privata***; | D. billi l-proposta ta' Direttiva dwar il-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati attwali li bħalissa qed jiġu nnegozjati tagħti attenzjoni partikulari lit-trasparenza ta' fluss ta' remunerazzjoni rċevuta, imqassma u mħallsa lid-detenturi ta' drittijiet minn soċjetajiet ta' ġestjoni kollettiva; |

Or. de

**Emenda 18**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi l-proposta ta' direttiva dwar il-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati attwali li bħalissa qed jiġu nnegozjati, tikkonferma ***dan il-mudell*** ta' ***ġestjoni ta'*** drittijiet tal-awtur ***u tagħti*** attenzjoni partikulari lit-trasparenza ta' fluss ta' remunerazzjoni rċevuta, imqassma u mħallsa lid-detenturi ta' drittijiet minn soċjetajiet ta' ġestjoni kollettiva, inkluż il-kopja privata; | D. billi l-proposta ta' direttiva dwar il-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati attwali li bħalissa qed jiġu nnegozjati, tikkonferma ***li l-ġestjoni*** ta' drittijiet tal-awtur ***teħtieġ*** attenzjoni partikulari lit-trasparenza ta' fluss ta' remunerazzjoni rċevuta, imqassma u mħallsa lid-detenturi ta' drittijiet minn soċjetajiet ta' ġestjoni kollettiva, inkluż il-kopja privata; |

Or. en

**Emenda 19**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi d-Direttiva 2001/29/KE tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu eċċezzjoni jew limitazzjoni għad-dritt ta' riproduzzjoni għal ċertu tipi ta' riproduzzjoni ta' prodotti awdjo, viżivi u awdjoviżivi għall-użu privat, flimkien ma' kumpens ġust, u jippermetti lill-konsumaturi, fil-pajjiżi li implimentaw din il-limitazzjoni, li jikkuppjaw liberament ir-repertorju mużikali u ***awdjoviżivi*** tagħhom ta' appoġġ jew materjal multimedjali ieħor li jridu, mingħajr ma jitolbu l-awtorizzazzjoni lill-awtur, sakemm ikun użat għall-użu privat; billi t-tariffi għandhom jiġu kkalkulati fuq | E. billi d-Direttiva 2001/29/KE tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu eċċezzjoni jew limitazzjoni għad-dritt ***esklussiv tad-dipendenti*** ta' riproduzzjoni għal ċertu tipi ta' riproduzzjoni ta' prodotti awdjo, viżivi u awdjoviżivi għall-użu privat, flimkien ma' kumpens ġust ***għad-dipendenti***, u jippermetti lill-konsumaturi, fil-pajjiżi li implimentaw din il-limitazzjoni, li jikkuppjaw liberament ir-repertorju mużikali u ***awdjoviżiv*** tagħhom ta' appoġġ jew materjal multimedjali ieħor li jridu, ***sakemm mhumiex protetti bil-miżuri teknoloġiċi ta' protezzjoni,*** mingħajr ma |

| | |
|---|---|
| il-bażi ta' preġudizzju potenzjali mġarrab mid-dipendenti mill-att tal-kopji privati kkonċernati; | jitolbu l-awtorizzazzjoni lill-awtur, sakemm ikun użat għall-użu privat; billi t-tariffi għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi ta' preġudizzju potenzjali mġarrab mid-dipendenti mill-att tal-kopji privati kkonċernati; |

Or. de

**Emenda 20**
**Marietje Schaake**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi d-direttiva 2001/29 tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu eċċezzjoni jew limitazzjoni għad-dritt ta' riproduzzjoni għal ċertu tipi ta' riproduzzjoni ta' prodotti awdjo, viżivi u awdjoviżivi għall-użu privat, flimkien ma' kumpens ġust, u jippermetti lill-konsumaturi, fil-pajjiżi li implimentaw din il-limitazzjoni, li jikkuppjaw liberament ir-repertorju mużikali u ***awdjoviżivi*** tagħhom ta' appoġġ jew materjal multimedjali ieħor li jridu, mingħajr ma jitolbu l-awtorizzazzjoni lill-awtur, sakemm ikun użat għall-użu privat; ***billi t-tariffi għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi ta' preġudizzju potenzjali mġarrab mid-dipendenti mill-att tal-kopji privati kkonċernati;*** | E. billi d-direttiva 2001/29 tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu eċċezzjoni jew limitazzjoni għad-dritt ta' riproduzzjoni għal ċertu tipi ta' riproduzzjoni ta' prodotti awdjo, viżivi u awdjoviżivi għall-użu privat, flimkien ma' kumpens ġust, u jippermetti lill-konsumaturi, fil-pajjiżi li implimentaw din il-limitazzjoni, li jikkuppjaw liberament ir-repertorju mużikali u ***awdjoviżiv*** tagħhom ta' appoġġ jew materjal multimedjali ieħor li jridu, mingħajr ma jitolbu l-awtorizzazzjoni lill-awtur, sakemm ikun użat għall-użu privat; |

Or. en

**Emenda 21**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi d-direttiva 2001/29 tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu eċċezzjoni jew limitazzjoni għad-dritt ta' riproduzzjoni għal ċertu tipi ta' riproduzzjoni ta' prodotti awdjo, viżivi u awdjoviżivi għall-użu privat, flimkien ma' kumpens ġust, u jippermetti lill-konsumaturi, fil-pajjiżi li implimentaw din il-limitazzjoni, li jikkuppjaw liberament ir-repertorju mużikali u ***awdjoviżivi*** tagħhom ta' appoġġ jew materjal multimedjali ieħor li jridu, mingħajr ma jitolbu l-awtorizzazzjoni lill-awtur, sakemm ikun użat għall-użu privat; billi ***t-tariffi għandhom jiġu kkalkulati*** fuq il-bażi ta' preġudizzju potenzjali mġarrab mid-dipendenti mill-att tal-kopji privati ***kkonċernati***; | E. billi d-direttiva 2001/29 tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu eċċezzjoni jew limitazzjoni għad-dritt ta' riproduzzjoni għal ċertu tipi ta' riproduzzjoni ta' prodotti awdjo, viżivi u awdjoviżivi għall-użu privat, flimkien ma' kumpens ġust, u jippermetti lill-konsumaturi, fil-pajjiżi li implimentaw din il-limitazzjoni, li jikkuppjaw liberament ir-repertorju mużikali u ***awdjoviżiv*** tagħhom ta' appoġġ jew materjal multimedjali ieħor li jridu, mingħajr ma jitolbu l-awtorizzazzjoni lill-awtur, sakemm ikun użat għall-użu privat; billi ***n-natura u l-preżenza mifruxa ta' xogħlijiet diġitali jagħmlu impossibbli l-kalkolu tat-tariffi*** fuq il-bażi ta' preġudizzju potenzjali mġarrab mid-dipendenti mill-att tal-kopji privati; |

Or. en

**Emenda 22**
**Josef Weidenholzer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi d-Direttiva 2001/29/KE tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu eċċezzjoni jew limitazzjoni għad-dritt ta' riproduzzjoni għal ċertu tipi ta' riproduzzjoni ta' prodotti awdjo, viżivi u awdjoviżivi għall-użu privat, flimkien ma' kumpens ġust, u jippermetti lill-konsumaturi, fil-pajjiżi li implimentaw din il-limitazzjoni, li jikkuppjaw ***liberament*** ir-repertorju mużikali u ***awdjoviżivi*** tagħhom ta' appoġġ jew materjal multimedjali ieħor ***li jridu***, mingħajr ma jitolbu l-awtorizzazzjoni lill-awtur, sakemm ikun użat għall-użu privat; billi t-tariffi għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi ta' preġudizzju potenzjali mġarrab | E. billi d-Direttiva 2001/29/KE tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu eċċezzjoni jew limitazzjoni għad-dritt ta' riproduzzjoni għal ċertu tipi ta' riproduzzjoni ta' prodotti awdjo, viżivi u awdjoviżivi għall-użu privat, flimkien ma' kumpens ġust, u jippermetti lill-konsumaturi, fil-pajjiżi li implimentaw din il-limitazzjoni, li jikkuppjaw ir-repertorju mużikali u ***awdjoviżiv*** tagħhom ta' appoġġ jew materjal multimedjali ieħor, mingħajr ma jitolbu l-awtorizzazzjoni lill-awtur, sakemm ikun użat għall-użu privat; billi t-tariffi għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi ta' preġudizzju potenzjali mġarrab mid- |

| | |
|---|---|
| mid-dipendenti mill-att tal-kopji privati kkonċernati; | dipendenti mill-att tal-kopji privati kkonċernati; |

Or. de

**Emenda 23**
**Marietje Schaake**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ea (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. billi l-kunċett ta' tariffi għal kopji privati huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni falza li l-konsumaturi li jagħmlu kopji privati kienu inkella jixtru bosta kopji b'liċenzja tal-istess materjal awdjo, viżiv jew awdjoviżiv;*** |

Or. en

**Emenda 24**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi l-ammont totali tat-tariffi għal kopji privati miġbura minn 23 mit-28 Stat Membru tal-UE ***żdied iktar mit-tripplu mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2001/29/KE u llum*** jirrappreżenta iktar minn 600 miljun Ewro skont l-istimi tal-Kummissjoni Ewropea, ***u meta titqies l-importanza ta'*** dawn iċ-ċifri ***għall-artisti***; | F. billi l-ammont totali tat-tariffi għal kopji privati miġbura minn 23 mit-28 Stat Membru tal-UE ***illum*** jirrappreżenta iktar minn 600 miljun Ewro skont l-istimi tal-Kummissjoni Ewropea***; billi***, ***madankollu,*** dawn iċ-ċifri ***għandhom dejjem jitqiesu f'relazzjoni mal-ammont globali li s-settur tal-kreattività jkun ikkontribwixxa għall-valur miżjud gross***; |

Or. de

**Emenda 25**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi l-ammont totali tat-tariffi għal kopji privati miġbura minn 23 mit-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea żdied iktar mit-tripplu mid-dħul fis-seħħ tad-direttiva 2001/29/KE u llum jirrappreżenta iktar minn 600 miljun Ewro, skont l-istimi tal-Kummissjoni Ewropea***; meta titqies l-importanza*** ta' ***dawn iċ-ċifri għall-artisti***; | F. billi l-ammont totali tat-tariffi għal kopji privati miġbura minn 23 mit-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea żdied iktar mit-tripplu mid-dħul fis-seħħ tad-direttiva 2001/29/KE u llum jirrappreżenta iktar minn 600 miljun Ewro, skont l-istimi tal-Kummissjoni Ewropea***, u billi dan jirrappreżenta inqas minn 17 % tal-ammont*** ta' ***EUR 3.6 biljun ta' obbligazzjonijiet lid-detenturi ta' drittijiet li l-gruppi l-kbar ta' ġbir kienu ġabru fl-2010***; |

Or. en

**Emenda 26**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***G. billi għall-manifatturi u l-importaturi tal-mezzi tad-data u tal-materjal ta' reġistrazzjoni tradizzjonali u diġitali, dawn it-tariffi jirrappreżentaw biss parti limitata tal-fatturat tagħhom;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 27**
**Josef Weidenholzer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***G. billi għall-manifatturi u l-importaturi tal-mezzi tad-data u tal-materjal ta' reġistrazzjoni tradizzjonali u diġitali, dawn it-tariffi jirrappreżentaw biss parti limitata tal-fatturat tagħhom;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 28**
**Françoise Castex**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi għall-manifatturi u l-importaturi tal-mezzi tad-data u tal-materjal ta' reġistrazzjoni tradizzjonali u diġitali, dawn it-tariffi jirrappreżentaw biss parti limitata tal-fatturat tagħhom; | G. billi għall-manifatturi u l-importaturi tal-mezzi tad-data u tal-materjal ta' reġistrazzjoni tradizzjonali u diġitali, ***li bosta drabi huma impriżi mhux Ewropej,*** dawn it-tariffi jirrappreżentaw biss parti ***estremament*** limitata tal-fatturat tagħhom ***stmat għal iktar minn EUR 1000 biljun***; |

Or. fr

**Emenda 29**
**Jean-Marie Cavada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi ***għall-manifatturi u l-importaturi*** tal-mezzi tad-data u tal-materjal ta' reġistrazzjoni tradizzjonali u diġitali, dawn it-tariffi jirrappreżentaw biss parti limitata tal-fatturat tagħhom; | G. billi ***prattikament ma jeżistux aktar manifatturi u importaturi*** tal-mezzi tad-data u tal-materjal ta' reġistrazzjoni tradizzjonali u diġitali ***Ewropej u li l-impriżi mhux Ewropej li bħalissa qegħdin fis-suq***, ***ta' spiss imexxu l-attivitajiet tagħhom sabiex jipproduċu bi spejjeż*** |

| | |
|---|---|
| | ***aktar baxxi,*** dawn it-tariffi jirrappreżentaw biss parti limitata tal-fatturat tagħhom; |

Or. fr

**Emenda 30**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi ***għall-manifatturi u l-importaturi tal-mezzi*** tad-data u tal-materjal ta' reġistrazzjoni tradizzjonali u diġitali, dawn it-tariffi jirrappreżentaw ***biss parti limitata tal-fatturat tagħhom***; | G. billi***, f'ċerti każijiet, għall-mezzi*** tad-data u tal-materjal ta' reġistrazzjoni tradizzjonali u diġitali, dawn it-tariffi jirrappreżentaw ***persentaġġ sostanzjali tal-prezz li l-konsumaturi jħallsu għalihom***; |

Or. en

**Emenda 31**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ga (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ga. billi ħafna terminals mobbli jippermettu l-ikkuppjar għal finijiet privati fit-teorija imma fil-fatt ma jintużawx għal dan l-għan; jitlob, konsegwentement, biex isiru diskussjonijiet fit-tul bil-ħsieb li jiġi żviluppat approċċ iżjed effiċjenti u aġġornat li mhux bilfors ikun ibbażat fuq tariffa b'rata fissa fuq it-tagħmir;*** |

Or. de

**Emenda 32**
**Jean-Marie Cavada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ga (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ga. billi tqabbil tal-prezzijiet tal-materjali mibjugħa bejn pajjiż li japplika t-tariffi u pajjiż li ma japplikahomx, juri n-nuqqas ta' impatt sinifikanti tat-tariffi għal kopji privati fuq il-prezz tal-prodotti.*** |

Or. fr

**Emenda 33**
**Josef Weidenholzer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I. billi d-Direttiva 2001/29/KE u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma tobbligax lill-Istati Membri biex jiżguraw lid-dipendenti l-ħlas dirett tat-tariffi kollha tal-kopji privati u billi l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' biex jipprovdu parti minn dan il-kumpens li huwa pprovdut b'mod indirett; | I. billi d-Direttiva 2001/29/KE u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma tobbligax lill-Istati Membri biex jiżguraw lid-dipendenti l-ħlas dirett tat-tariffi kollha tal-kopji privati u billi l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' biex jipprovdu parti minn dan il-kumpens li huwa pprovdut b'mod indirett; ***billi m'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn id-dipendenti nazzjonali u tal-UE fir-rigward tal-aċċess għall-ħlasijiet kulturali u soċjali minn fondi soċjali u kulturali;*** |

Or. de

**Emenda 34**
**Marietje Schaake**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa J**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| J. billi t-tariffi għal kopji privati huma mħallsa mill-konsumaturi meta jixtru stallazzjoni jew servizz ta' reġistrazzjoni u ta' ħażna ***u li bħala konsumaturi għandhom id-dritt li jkunu jafu bl-eżistenza tagħhom u l-quantum tagħhom***; | J. billi t-tariffi għal kopji privati huma mħallsa mill-konsumaturi meta jixtru stallazzjoni jew servizz ta' reġistrazzjoni u ta' ħażna ***irrispettivament minn jekk l-użu maħsub ta' dawk il-mezzi jew servizzi huwa għall-iskop tal-ikkuppjar privat ta' materjal awdjo, viżiv jew awdjoviżiv***; |

Or. en

**Emenda 35**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa K**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***K. billi l-prezzijiet tal-mezzi tad-data u l-materjal ma jvarjawx mir-rati differenti ta' tariffi għal kopji privati li japplikaw fl-Unjoni, u billi l-każ Spanjol, li wera li t-tneħħija tat-tariffi għal kopji privati fl-2012 m'għandux impatt fuq il-prezz tal-mezzi tad-data u l-materjal;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 36**
**Josef Weidenholzer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa K**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***K. billi l-prezzijiet tal-mezzi tad-data u l-materjal ma jvarjawx mir-rati differenti ta' tariffi għal kopji privati li japplikaw fl-*** | ***imħassar*** |

***Unjoni, u billi l-każ Spanjol, li wera li t-tneħħija tat-tariffi għal kopji privati fl-2012 m'għandux impatt fuq il-prezz tal-mezzi tad-data u l-materjal;***

Or. de

**Emenda 37**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa K**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| K. billi l-prezzijiet tal-mezzi tad-data u l-materjal ***ma jvarjawx*** mir-rati differenti ta' tariffi għal kopji privati li japplikaw fl-Unjoni; billi l-każ Spanjol, li wera li t-tneħħija tat-tariffi għal kopji privati fl-2012 m'għandux impatt fuq il-prezz tal-mezzi tad-data u l-materjal; | K. billi l-prezzijiet tal-mezzi tad-data u l-materjal ***jvarjaw*** mir-rati differenti ta' tariffi għal kopji privati li japplikaw fl-Unjoni; billi ***l-manifatturi jissussidjaw t-tariffi fl-UE f'każijiet fejn it-tariffi huma proporzjon sinifikanti ħafna tal-prezz tax-xiri ta' apparat; billi*** l-każ Spanjol, li wera li t-tneħħija tat-tariffi għal kopji privati fl-2012 m'għandux impatt fuq il-prezz tal-mezzi tad-data u l-materjal; |

Or. en

**Emenda 38**
**Marielle Gallo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa L**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L. billi d-differenzi bejn il-mudelli u r-rati ta' perċezzjoni tat-tariffi għal kopji privati u l-impatt tagħhom fuq ***il-konsumaturi u s-Suq*** Uniku; billi huwa mixtieq li jinħoloq qafas Ewropew li jiggarantixxi kundizzjonijiet ekwivalenti għad-detenturi tad-drittijiet, għall-konsumaturi, manifatturi u importaturi ta' tagħmir kif | L. billi d-differenzi bejn il-mudelli u r-rati ta' perċezzjoni tat-tariffi għal kopji privati u l-impatt tagħhom fuq ***is-Suq*** Uniku; billi huwa ***neċessarju li jinħoloq qafas Ewropew li jiggarantixxi livell għoli ta' trasparenza għad-detenturi tad-drittijiet, għall-manifatturi, u l-importaturi ta' tagħmir, għall-konsumaturi u kif ukoll*** |

| | |
|---|---|
| ukoll għall-fornituri ta' servizzi fl-Unjoni kollha***;*** | ***għall-fornituri ta' servizzi fl-Unjoni kollha; billi huwa*** mixtieq***, sa fejn possibbli,*** li jinħoloq qafas Ewropew li jiggarantixxi kundizzjonijiet ekwivalenti għad-detenturi tad-drittijiet, għall-konsumaturi, manifatturi u importaturi ta' tagħmir kif ukoll għall-fornituri ta' servizzi fl-Unjoni kollha |

Or. fr

**Emenda 39**
**Françoise Castex**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa L**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L. billi d-differenzi bejn il-mudelli u r-rati ta' perċezzjoni tat-tariffi għal kopji privati u l-impatt tagħhom fuq il-konsumaturi u s-Suq Uniku; billi huwa mixtieq li jinħoloq qafas Ewropew li jiggarantixxi kundizzjonijiet ekwivalenti għad-detenturi tad-drittijiet, għall-konsumaturi, manifatturi u importaturi ta' tagħmir kif ukoll għall-fornituri ta' servizzi fl-Unjoni kollha; | L. billi d-differenzi bejn il-mudelli u r-rati ta' perċezzjoni tat-tariffi għal kopji privati u l-impatt tagħhom fuq il-konsumaturi u s-Suq Uniku; billi huwa mixtieq***, sabiex il-bilanċ tas-sistema jkompli fl-era diġitali u fis-suq intern,*** li ***jiġu modernizzati l-mekkaniżmi ta' tariffi ta' bosta Stati Membri u li*** jinħoloq qafas Ewropew li jiggarantixxi kundizzjonijiet ekwivalenti għad-detenturi tad-drittijiet, għall-konsumaturi, manifatturi u importaturi ta' tagħmir kif ukoll għall-fornituri ta' servizzi fl-Unjoni kollha; |

Or. fr

**Emenda 40**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa L**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L. billi d-differenzi bejn il-mudelli u r-rati | L. billi d-differenzi bejn il-mudelli u r-rati |

| | |
|---|---|
| ta' perċezzjoni tat-tariffi għal kopji privati u l-impatt tagħhom fuq il-konsumaturi u s-Suq Uniku; billi huwa mixtieq li jinħoloq qafas Ewropew li jiggarantixxi kundizzjonijiet ekwivalenti għad-detenturi tad-drittijiet, għall-konsumaturi, manifatturi u importaturi ta' tagħmir kif ukoll għall-fornituri ta' servizzi fl-Unjoni kollha; | ta' perċezzjoni tat-tariffi għal kopji privati u l-impatt tagħhom fuq il-konsumaturi u s-Suq Uniku; billi huwa mixtieq li jinħoloq qafas Ewropew li jiggarantixxi kundizzjonijiet ekwivalenti għad-detenturi tad-drittijiet, għall-konsumaturi, manifatturi u importaturi ta' tagħmir kif ukoll għall-fornituri ta' servizzi fl-Unjoni kollha ***sakemm jitneħħew gradwalment it-tariffi***; |

Or. en

**Emenda 41**
**Marielle Gallo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa M**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| M. billi l-mekkaniżmi t'eżenzjoni u ta' rimborż għall-użu professjonali, implimentati mill-Istati Membri għadhom lura milli jkunu sodisfaċenti u d-deċiżjonijiet ġuridiċi ***f'ċerti Stati Membri*** ma japplikawx; | M. billi l-mekkaniżmi t'eżenzjoni u ta' rimborż għall-użu professjonali, implimentati mill-Istati Membri ***għandhom ikunu effikaċi; billi f'ċerti Stati Membri dawn il-mekkaniżmi*** għadhom lura milli jkunu sodisfaċenti u d-deċiżjonijiet ġuridiċi ma japplikawx; |

Or. fr

**Emenda 42**
**Jean-Marie Cavada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa M**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| M. billi l-mekkaniżmi t'eżenzjoni u ta' rimborż għall-użu professjonali, implimentati mill-Istati Membri ***għadhom lura milli jkunu sodisfaċenti*** u d-deċiżjonijiet ġuridiċi f'ċerti Stati Membri | M. billi l-mekkaniżmi t'eżenzjoni u ta' rimborż għall-użu professjonali, implimentati mill-Istati Membri ***huma neċessarji*** u d-deċiżjonijiet ġuridiċi f'ċerti Stati Membri ma japplikawx ***dejjem***; |

ma japplikawx;

Or. fr

**Emenda 43**

**Sebastian Valentin Bodu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa N**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| N. billi fil-kuntest ta' bejgħ ta' mużika onlajn, il-prassi ta' għotja ta' liċenzji ***għandhom l-għan li jissostitwixxu s-sistema*** ta' tariffi għal kopji privati; | N. billi fil-kuntest ta' bejgħ ta' mużika onlajn, il-prassi ta' għotja ta' liċenzji ***huma ssuplimentati mis-sistema*** ta' tariffi għal kopji privati; |

Or. en

**Emenda 44**
**Tadeusz Zwiefka, Piotr Borys**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa N**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| N. billi fil-kuntest ta' bejgħ ta' mużika onlajn, il-prassi ta' għotja ta' liċenzji ***għandhom l-għan li jissostitwixxu*** s-sistema ta' tariffi għal kopji privati; | N. billi fil-kuntest ta' bejgħ ta' mużika onlajn, il-prassi ta' għotja ta' liċenzji ***tikkumplimenta*** s-sistema ta' tariffi għal kopji privati; |

Or. en

**Emenda 45**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa N**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*
---|---
N. billi fil-kuntest ta’ bejgħ ta’ mużika onlajn, il-prassi ta’ għotja ta’ liċenzji ***għandhom l-għan li jissostittwixxu s-sistema*** ta’ tariffi għal kopji privati; | N. billi fil-kuntest ta’ bejgħ ta’ mużika onlajn, il-prassi ta’ għotja ta’ liċenzji ***jirrappreżentaw alternattiva għas-sistema*** ta’ tariffi għal kopji privati;

Or. de

**Emenda 46**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa N**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*
---|---
N. billi fil-kuntest ta’ bejgħ ta’ mużika onlajn, il-prassi ta’ għotja ta’ liċenzji ***għandhom l-għan li jissostittwixxu s-sistema*** ta’ tariffi għal kopji privati; | N. billi fil-kuntest ta’ bejgħ ta’ mużika onlajn, il-prassi ta’ għotja ta’ liċenzji ***jistgħu jipprovdu alternattiva għas-sistema*** ta’ tariffi għal kopji privati ***sakemm jinstab approċċ iżjed effiċjenti u aġġornat***;

Or. de

**Emenda 47**

**Sajjad Karim**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa N**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*
---|---
N. billi fil-kuntest ta’ bejgħ ta’ ***mużika*** onlajn, il-prassi ta’ għotja ta’ liċenzji ***għandhom l-għan li jissostittwixxu*** s-sistema ta’ tariffi għal kopji privati; | N. billi fil-kuntest ta’ bejgħ ta’ ***xogħlijiet*** onlajn, ***kemm f’termini ta’ aċċess kif ukoll ta’ bejgħ,*** il-prassi ta’ għotja ta’ liċenzji ***tikkumplimenta*** s-sistema ta’ tariffi għal kopji privati;

Or. en

**Emenda 48**
**Josef Weidenholzer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa N**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| N. billi fil-kuntest ta' bejgħ ***ta' mużika*** onlajn, ***il-prassi ta' għotja ta' liċenzji għandhom l-għan li jissostittwixxu s-sistema ta' tariffi*** għal ***kopji privati***; | N. billi fil-kuntest ta' bejgħ onlajn, ***tariffi addizzjonali m'għandhomx iwasslu*** għal ***ħlasijiet doppji***; |

Or. de

**Emenda 49**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Na (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Na. billi fil-qasam diġitali b'mod partikolari l-proċess klassiku tal-ikkuppjar qed jiġi sostitwit b'sistemi ta' streaming fejn l-ebda kopja tax-xogħlijiet bid-drittijiet tal-awtur ma titqiegħed fuq it-terminal tal-utent, u għalhekk f'dawn il-każijiet għandha tingħata preferenza lill-mudelli ta' liċenzja;*** |

Or. de

**Emenda 50**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Ifakkar li s-settur kulturali jirrappreżenta | 1. Ifakkar li s-settur kulturali jirrappreżenta |

***5 miljun impjegat u 2.6% tal-PDG tal-Unjoni, li huwa wieħed mill-muturi prinċipali tat-tkabbir Ewropew u s-sors*** ta' impjiegi ***ġodda u li ma jistgħux jiġu rilokati, li jistimula l-innovazzjoni u li huwa mod effettiv għall-ġlieda kontra r-riċessjoni attwali***;

***miljuni*** ta' impjiegi ***fl-UE u jikkontribbwixxi għall-PDG tal-Unjoni, u għalhekk jeħtieġ qafas legali modern adattat għas-suq diġitali***;

Or. en

**Emenda 51**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jinnota li ftit Stati Membri biss għażlu li jintroduċu eċċezzjoni għall-kopji privati, b'kumpens għad-detenturi tad-drittijiet, u li s-settur kulturali huwa forza b'saħħitha li tmexxi t-tkabbir anke fl-Istati Membri li ma għażlux li jimponu tariffi għal kopji privati;*** |

Or. en

**Emenda 52**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Ifakkar li l-liġi dwar id-drittijiet tal-awtur għandha tibbilanċja l-interessi tal-kreaturi u l-konsumaturi, fost l-oħrajn; f'dan il-kuntest iqis li l-konsumaturi Ewropej kollha għandu jkollhom id-dritt li jagħmlu kopji privati ta' kontenut*** |

| | |
|---|---|
| | ***miksub legalment;*** |

Or. en

**Emenda 53**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. Għalhekk jitlob lill-Kummissjoni sabiex tressaq proposta leġiżlattiva għar-reviżjoni tad-Direttiva 2001/29/KE dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni inkluża dispożizzjoni li tarmonizza bis-sħiħ eċċezzjonijiet u restrizzjonijiet rigward, fost l-oħrajn, il-kopji privati;*** |

Or. en

**Emenda 54**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1d. Iqis ukoll li l-kopji privati ta' kontenut miksub legalment jikkostitwixxu użu normali tal-prodotti jew servizzi miksuba mill-konsumatur li ma jagħmlux ħsara lill-interessi leġittimi tad-detenturi tad-drittijiet u li b'hekk m'għandhom iwasslu għal ebda kumpens;*** |

Or. en

**Emenda 55**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Jenfasizza li t-tariffi għal kopji privati, f'perjodi ta' awsterità fiskali, huma sors essenzjali ta' dħul għas-settur kulturali, speċjalment għall-arti tal-ispettaklu;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 56**
**Josef Weidenholzer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Jenfasizza li t-tariffi għal kopji privati, f'perjodi ta' awsterità fiskali, huma sors essenzjali ta' dħul għas-settur kulturali, speċjalment għall-arti tal-ispettaklu;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 57**
**Marietje Schaake**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jenfasizza li ***t-tariffi*** għal ***kopji privati, f'perjodi*** ta' awsterità fiskali***, huma sors essenzjali ta' dħul għas-settur kulturali, speċjalment għall-arti tal-ispettaklu***; | 2. Jenfasizza li ***r-reġim frammentat attwali għad-drittijiet tal-awtur jeħtieġ riforma sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess*** għal***, u tiżdied iċ-ċirkolazzjoni (globali) tal-kontenut kulturali u kreattiv, u b'tali mod li tippermetti lill-artisti, il-kreaturi, il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***konsumaturi, in-negozji u l-udjenzi jibbenefikaw minn żviluppi diġitali, kanali*** ta' ***distribuzzjoni ġodda, mudelli ta' negozji ġodda u opportunitajiet oħra, speċjalment fi żminijiet ta'*** awsterità fiskali; |

Or. en

**Emenda 58**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jenfasizza li t-tariffi għal kopji privati, f'perjodi ta' awsterità fiskali, huma sors ***essenzjali*** ta' dħul għas-settur kulturali***, speċjalment għall-arti tal-ispettaklu***; | 2. Jenfasizza li t-tariffi għal kopji privati, f'perjodi ta' awsterità fiskali, huma ***spiża sostanzjali għall-konsumaturi mingħajr ma jiġi provdut*** sors ***soċjalment aċċettat*** ta' dħul għas-settur kulturali; |

Or. en

**Emenda 59**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jinnota li t-tariffi għal kopji privati bħalissa huma sors ta' dħul li huwa ta' importanza varjanti għall-kategoriji differenti ta' detenturi tad-drittijiet u li l-importanza tagħhom tvajra sinifikament bejn l-Istati Membri;*** |

Or. en

**Emenda 60**
**Tadeusz Zwiefka, Piotr Borys**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Iqis li s-sistema ta' kopji privati tirrappreżenta sistema virtuża u bbilanċjata bejn ***id-dritt*** għall-ikkuppjar għall-użu privat u ***l-kumpens*** ġust ***tad-dipendenti***, li jagħmel sens li jkun ippreżervat; | 3. Iqis li s-sistema ta' kopji privati tirrappreżenta sistema virtuża u bbilanċjata bejn ***l-eċċezzjoni*** għall-ikkuppjar għall-użu privat u ***d-dritt għal kumpens*** ġust ***tad-detenturi***, li jagħmel sens li jkun ippreżervat***, speċjalment f'każijiet fejn id-detenturi tad-drittijiet mhumiex f'pożizzjoni li jagħtu liċenzja direttament għad-dritt ta' riproduzzjoni fuq bosta apparati***; |

Or. en

**Emenda 61**
**Sebastian Valentin Bodu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Iqis li s-sistema ta' kopji privati tirrappreżenta sistema virtuża u bbilanċjata bejn ***id-dritt*** għall-ikkuppjar għall-użu privat u l-kumpens ġust ***tad-dipendenti***, li jagħmel sens li jkun ippreżervat; | 3. Iqis li s-sistema ta' kopji privati tirrappreżenta sistema virtuża u bbilanċjata bejn ***l-eċċezzjoni*** għall-ikkuppjar għall-użu privat u l-kumpens ġust ***tad-detenturi***, li jagħmel sens li jkun ippreżervat; |

Or. en

**Emenda 62**
**Jean-Marie Cavada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. Iqis li s-sistema ta' kopji privati tirrappreżenta sistema virtuża u bbilanċjata bejn id-dritt għall-ikkuppjar għall-użu privat u l-kumpens ġust ***tad-dipendenti***, li jagħmel sens li jkun ippreżervat; | 3. Iqis li s-sistema ta' kopji privati tirrappreżenta sistema virtuża u bbilanċjata bejn ***il-kapaċità ta' kkuppjar għal użu privat,*** id-dritt għall-ikkuppjar għall-użu privat u l-kumpens ġust ***tad-detenturi***, li jagħmel sens li jkun ippreżervat; |

Or. fr

**Emenda 63**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. Iqis li s-sistema ta' kopji privati ***tirrappreżenta sistema virtuża u bbilanċjata*** bejn id-dritt għall-ikkuppjar għall-użu privat u l-kumpens ġust ***tad-dipendenti***, li ***jagħmel sens li jkun ippreżervat***; | 3. Iqis li s-sistema ***attwali*** ta' kopji privati***, li tfittex il-bilanċ*** bejn id-dritt għall-ikkuppjar għall-użu privat u l-kumpens ġust ***tad-detenturi***, ***għandha terġa' titfassal b'mod fundamentali u fuq perjodu twil tiġi sostitwita b'sistema iżjed effiċjenti*** li ***żżomm il-pass mal-iżviluppi li ġġib magħha d-diġitizzazzjoni***; |

Or. de

**Emenda 64**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. Iqis li s-sistema ta' kopji privati tirrappreżenta sistema virtuża u bbilanċjata bejn ***id-dritt*** għall-ikkuppjar għall-użu privat u l-kumpens ġust ***tad-dipendenti***, li jagħmel sens li jkun ippreżervat; | 3. Iqis li s-sistema ta' kopji privati tirrappreżenta sistema virtuża u bbilanċjata bejn ***l-eċċezzjoni*** għall-ikkuppjar għall-użu privat u l-kumpens ġust ***tad-detenturi***, li jagħmel sens li jkun ippreżervat ***fin-nuqqas ta' alternattivi fuq perjodu qasir***; |

| | |
|---|---|
| | ***jenfasizza, madankollu, li jeħtieġ li jsiru diskussjonijiet fuq perjodu twil bil-ħsieb li jiġi żviluppat approċċ iżjed effiċjenti u aġġornat li jqis kif xieraq iċ-ċirkostanzi speċifiċi tas-seklu 21;*** |

Or. de

**Emenda 65**
**Marietje Schaake**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Iqis li s-sistema ta' kopji privati tirrappreżenta sistema ***virtuża u bbilanċjata bejn id-dritt għall-ikkuppjar għall-użu privat u l-kumpens ġust tad-dipendenti***, li ***jagħmel sens li jkun ippreżervat***; | 3. Iqis li s-sistema ta' kopji privati tirrappreżenta sistema ***antikwata li għandha tiġi sostitwita għal sistema moderna u armonizzata ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati li jsaħħu l-pożizzjoni u l-għażla ta' artisti u kreaturi filwaqt li tinħoloq soċjetà dinamika fejn l-aċċess għax-xogħol kreattiv ikun faċli u mibni kemm mill-artisti kif ukoll mill-konsumaturi***, ***pereżempju billi jippermettu d-dritt*** li ***jsiru kopji privati liberament***; |

Or. en

**Emenda 66**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Iqis li s-sistema ta' kopji privati tirrappreżenta sistema ***virtuża u bbilanċjata bejn id-dritt għall-ikkuppjar għall-użu privat u l-kumpens ġust tad-dipendenti, li jagħmel sens li jkun ippreżervat***; | 3. Iqis li s-sistema ta' kopji privati tirrappreżenta sistema ***skaduta u antikwata li għandha titneħħa gradwalment biex tagħti lok għal kumpens ġust tal-artisti u d-dritt li jagħmlu kopji privati***; |

Or. en

**Emenda 67**
**Cecilia Wikström, Christian Engström**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jenfasizza li d-differenzi kbar bejn is-sistemi nazzjonali tal-ġbir tat-tariffi, speċjalment fir-rigward ta' tipi ta' prodotti soġġetti għal tariffi u l-livell ta' dawn it-tariffi, ***jistgħu*** jirriżultaw f'distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u ***l-possibilità ta' "forum shopping" fis-suq intern***; | 4. Jenfasizza li d-differenzi kbar bejn is-sistemi nazzjonali tal-ġbir tat-tariffi, speċjalment fir-rigward ta' tipi ta' prodotti soġġetti għal tariffi u l-livell ta' dawn it-tariffi, jirriżultaw f'distorsjonijiet tal-kompetizzjoni***, jikkawżaw ħlas doppju tat-tariffi, jostakolaw il-funzjonament xieraq tas-suq intern*** u ***jnaqqsu l-appoġġ tad-drittijiet tal-awtur qalb iċ-ċittadini***; |

Or. en

**Emenda 68**
**Sajjad Karim**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Jistieden lill-Istati Membri biex jaqblu dwar definizzjoni komuni tat-tariffi għal kopji privati, biex isibu konverġenzi fuq il-prodotti soġġetti għal tariffi u biex jarmonizzaw il-modalitajiet ta' negozjati tal-iskali ta' kopji privati; jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita dan il-proċess;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 69**
**Marielle Gallo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jistieden ***lill-Istati Membri biex jaqblu*** dwar ***definizzjoni komuni tat-tariffi*** għal ***kopji privati, biex isibu*** konverġenzi fuq il-prodotti soġġetti għal tariffi u biex ***jarmonizzaw il-modalitajiet*** ta' negozjati tal-iskali ta' kopji privati; ***jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita dan il-proċess;*** | 5. Jistieden ***lill-Kummissjoni Ewropea sabiex twettaq studju*** dwar ***l-elementi essenzjali tal-kopja privata u partikolarment dwar l-idea ta' "rimborż ġust", li bħalissa mhuwiex espliċitament irregolat mid-Direttiva 2001/29/KE87 dwar il-"preġudizzju" li jsofri l-awtur minħabba l-produzzjoni tax-xogħol tiegħu mingħajr l-awtorizzazzjoni tiegħu*** għal ***użu privat; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tmexxi studju dwar il-possibilità li jinsabu*** konverġenzi fuq il-prodotti soġġetti għal tariffi u biex ***tarmonizza jew, inkella, tikkoordina l-modalitajiet*** ta' negozjati tal-iskali ta' kopji privati; |

Or. fr

**Emenda 70**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jistieden lill-Istati Membri biex jaqblu dwar definizzjoni ***komuni tat-tariffi għal kopji privati, biex isibu konverġenzi fuq il-prodotti soġġetti għal tariffi*** u biex jarmonizzaw il-modalitajiet ta' negozjati tal-iskali ta' kopji privati; jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita dan il-proċess; | 5. Jistieden lill-Istati Membri biex jaqblu dwar ***kriterji komuni għall-istabbiliment effettiv u trasparenti tal-iskali u għal*** definizzjoni ***uniformi tal-kunċett ta' 'ħsara' skont id-Direttiva 2001/29/KE,*** u biex jarmonizzaw il-modalitajiet ta' negozjati tal-iskali ta' kopji privati; jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita dan il-proċess; |

Or. de

**Emenda 71**
**Marietje Schaake**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jistieden ***lill-Istati Membri biex jaqblu dwar definizzjoni komuni tat-tariffi għal kopji privati, biex isibu konverġenzi fuq il-prodotti soġġetti għal tariffi u biex jarmonizzaw il-modalitajiet ta' negozjati tal-iskali ta' kopji privati; jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita dan il-proċess;*** | 5. Jistieden ***lill-Kummissjoni Ewropea tressaq proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva 2001/29/KE bl-għan li tiġi stabbilita sistema armonizzata u flessibbli tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fl-UE, xierqa għall-età diġitali;*** |

Or. en

**Emenda 72**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jistieden lill-Istati Membri biex ***jaqblu dwar definizzjoni komuni tat-tariffi*** għal kopji privati, biex isibu konverġenzi ***fuq*** il-prodotti soġġetti għal tariffi u biex jarmonizzaw il-modalitajiet ta' negozjati tal-iskali ta' kopji privati; jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita dan il-proċess; | 5. Jistieden lill-Istati Membri biex ***jneħħu gradwalment it-tariffi*** għal kopji privati ***u*** biex isibu konverġenzi ***li fir-rigward tagħhom*** il-prodotti ***m'għandhomx ikunu*** soġġetti għal tariffi u biex jarmonizzaw il-modalitajiet ta' negozjati ***għal qbil dwar*** tal-iskali ta' ***tnaqqis tat-tariffi ta'*** kopji privati; jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita dan il-proċess; |

Or. en

**Emenda 73**
**Françoise Castex**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistudjaw il-possibilità li jimplimentaw proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa sabiex tinħoloq sistema Ewropea ta' tariffi għal kopji privati;*** |

Or. fr

**Emenda 74**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Sottotitolu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għal perċezzjoni unika, viżibiltà aħjar fost il-konsumaturi u rimborż aktar effettiv | Għal perċezzjoni unika, viżibiltà aħjar fost il-konsumaturi u rimborż aktar effettiv ***matul il-perjodu ta' tneħħija gradwali*** |

Or. en

**Emenda 75**
**Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Jenfasizza li t-tariffi għal kopji privati għandhom ikunu applikati għal kwalunkwe apparat, appoġġ u servizz li l-valur tiegħu jiddependi fuq ir-reġistrazzjoni u l-ħażna ta' xogħlijiet għal għanijiet privati;*** | ***imħassar*** |

Or. pl

**Emenda 76**
**Josef Weidenholzer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Jenfasizza li t-tariffi għal kopji privati għandhom ikunu applikati għal kwalunkwe apparat, appoġġ u servizz li l-valur tiegħu jiddependi fuq ir-reġistrazzjoni u l-ħażna ta' xogħlijiet għal għanijiet privati;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 77**
**Jean-Marie Cavada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li t-tariffi għal kopji privati għandhom ikunu applikati għal kwalunkwe apparat**,** appoġġ ***u servizz*** li l-valur tiegħu jiddependi fuq ir-reġistrazzjoni u l-ħażna ta' xogħlijiet għal għanijiet privati***;*** | 6. Jenfasizza li t-tariffi għal kopji privati għandhom ikunu applikati għal kwalunkwe apparat ***u*** appoġġ li l-valur tiegħu jiddependi fuq ir-reġistrazzjoni u l-ħażna ta' xogħlijiet għal għanijiet privati ***u l-użu ta' dan l-apparat u l-appoġġ mill-konsumaturi fir-rigward tal-kopja tax-xogħol protetta.*** |

Or. fr

**Emenda 78**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li t-tariffi għal kopji privati għandhom ikunu applikati għal ***kwalunkwe*** apparat, appoġġ u servizz ***li l-valur tiegħu jiddependi fuq ir-reġistrazzjoni u l-ħażna ta' xogħlijiet għal għanijiet privati***; | 6. Jenfasizza li t-tariffi għal kopji privati għandhom ikunu applikati għal apparat, appoġġ u servizz ***fejn jagħmlu ħsara skont id-Direttiva 2001/29/KE***; |

Or. de

**Emenda 79**
**Sajjad Karim**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Jenfasizza*** li t-tariffi għal kopji privati ***għandhom ikunu applikati*** għal ***kwalunkwe*** apparat***, appoġġ u servizz*** li l-valur ***tiegħu*** jiddependi fuq ir-reġistrazzjoni u l-ħażna ta' xogħlijiet għal għanijiet privati; | 6. ***Ifakkar id-dritt tal-Istati Membri*** li ***jipprovdu eċċezzjonijiet għall-kopji privati, u d-dritt tal-kreaturi li jirċievu kumpens għal tali kopji, sal-punt li jikkawżaw ħsara mhux raġonevoli. F'dan ir-rigward, jemmen li*** t-tariffi għal kopji privati ***japplikaw*** għal apparat ***u mezzi*** li l-valur ***tagħhom*** jiddependi fuq ir-reġistrazzjoni u l-ħażna ta' xogħlijiet għal għanijiet privati; |

Or. en

**Emenda 80**
**Hans-Peter Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li t-tariffi għal kopji privati għandhom ikunu applikati għal ***kwalunkwe*** apparat, appoġġ u servizz li ***l-valur tiegħu jiddependi fuq ir-reġistrazzjoni*** u l-ħażna | 6. Jenfasizza li t-tariffi għal kopji privati għandhom ikunu applikati ***biss*** għal apparat, appoġġ u servizz li ***jintużaw b'mod esklussiv jew kważi esklussiv għar-*** |

| | |
|---|---|
| ta' xogħlijiet għal għanijiet privati; | ***reġistrazzjoni*** u l-ħażna ta' xogħlijiet għal għanijiet privati; |

Or. de

**Emenda 81**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li t-tariffi għal kopji privati ***għandhom ikunu applikati*** għal ***kwalunkwe apparat***, appoġġ u servizz li l-valur ***tiegħu*** jiddependi fuq ***ir-reġistrazzjoni u l-ħażna*** ta' xogħlijiet għal għanijiet privati; | 6. Jenfasizza li t-tariffi għal kopji privati ***ma għandhomx jiġu estiżi*** għal ***apparati***, appoġġ u servizz ***ġodda*** li l-valur ***tagħhom*** jiddependi fuq ***il-ħażna*** ta' xogħlijiet għal għanijiet privati; |

Or. en

**Emenda 82**
**Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jenfasizza li l-kunċett ta' kopji privati għandu jkun iddefinit b'mod ċar għall-materjali kollha, u li l-utent ikun jista' jkollu aċċess għall-kontenut bid-drittijiet tal-awtur fil-midja kollha fuq il-bażi ta' pagament uniku; isejjaħ għall-arranġamenti li diġà qegħdin fis-seħħ fl-Istati Membri, bħall-eċċezzjonijiet u l-eżenzjonijiet tat-tariffi, sabiex jiġu rispettati u sabiex ikun possibbli li huma japplikawhom b'mod parallel fis-suq;*** |

Or. pl

**Emenda 83**
**Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. Iqis li t-tariffi għal kopji privati għandhom jinġabru fuq il-livell tal-manifatturi jew tal-importaturi; iżid li t-trasferiment ta' din il-perċezzjoni fuq il-livell tal-bejjiegħa bl-imnut huwa piż amministrattiv eċċessiv ħafna għall-SMEs ta' distribuzzjoni u l-organizzazzjonijiet ta' ġbir;*** | ***imħassar*** |

Or. pl

**Emenda 84**
**Josef Weidenholzer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. Iqis li t-tariffi għal kopji privati għandhom jinġabru fuq il-livell tal-manifatturi jew tal-importaturi; iżid li t-trasferiment ta' din il-perċezzjoni fuq il-livell tal-bejjiegħa bl-imnut huwa piż amministrattiv eċċessiv ħafna għall-SMEs ta'distribuzzjoni u l-organizzazzjonijiet ta' ġbir;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 85**
**Cecilia Wikström, Christian Engström**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Iqis li t-tariffi għal kopji privati għandhom jinġabru fuq ***il-livell tal-manifatturi jew tal-importaturi***; iżid li t-trasferiment ta' din il-perċezzjoni fuq il-livell tal-bejjiegħa bl-imnut ***huwa piż*** amministrattiv ***eċċessiv ħafna*** għall-SMEs ta'distribuzzjoni ***u*** l-organizzazzjonijiet ta' ġbir; | 7. Iqis li t-tariffi għal kopji privati għandhom jinġabru ***mill-bejjiegħ bl-imnut finali u mhux mill-manifattur bħala miżura*** fuq ***perjodu ta' żmien qasir u medju sabiex jintlaħaq l-għan ta' sistema ta' tariffi li tneħħiet kompletament b'mod gradwali***; iżid li t-trasferiment ta' din il-perċezzjoni fuq il-livell tal-bejjiegħa bl-imnut ***jappoġġja l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda għall-konsenja tal-kontenut li jnaqqas il-piż*** amministrattiv għall-SMEs ta' distribuzzjoni ***kif ukoll*** l-organizzazzjonijiet ta' ġbir; |

Or. en

**Emenda 86**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Iqis li ***t-tariffi*** għal kopji privati ***għandhom*** jinġabru fuq il-livell tal-manifatturi jew tal-importaturi; ***iżid li t-trasferiment*** ta' din il-perċezzjoni fuq il-livell tal-bejjiegħa bl-imnut ***huwa*** piż amministrattiv eċċessiv ħafna ***għall-SMEs ta'distribuzzjoni u l-organizzazzjonijiet ta' ġbir***; | 7. Iqis li***, fid-dawl tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-tariffi*** għal kopji privati ***li*** jinġabru fuq il-livell tal-manifatturi jew tal-importaturi ***għandhom jiġu eżaminati***; ***iwissi, madankollu, li l-konsegwenzi tat-trasferiment*** ta' din il-perċezzjoni fuq il-livell tal-bejjiegħa bl-imnut ***jistgħu jirriżultaw f'***piż amministrattiv eċċessiv ħafna; |

Or. de

**Emenda 87**
**Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Iqis li t-tariffi għal kopji privati għandhom jitħallsu mill-bejjiegħa bl-*** |

| | |
|---|---|
| | ***imnut, għax dan jissimplifika l-proċeduri u jevita pagamenti doppji;*** |

Or. pl

**Emenda 88**
**Françoise Castex**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jirrakkomanda li din ir-responsabbiltà primarja tal-manifatturi u l-importaturi tiġi akkumpanjata minn responsabbiltà konġunta tal-atturi kollha fil-katina ta' bejgħ sal-konsumatur finali, sabiex jiġu evitati l-frodi u l-kompetizzjoni inġusta;*** |

Or. fr

**Emenda 89**
**Jean-Marie Cavada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***8. Jirrakkomanda, fil-każ ta' tranżazzjonijiet transkonfinali, biex jiġbru t-tariffi għal kopji privati fl-Istati Membri fejn il-prodott jitqiegħd fis-suq u jitħalla jiċċirkola liberament fis-suq intern mingħajr imposti addizzjonali;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 90**
**Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jirrakkomanda, fil-każ ta' tranżazzjonijiet transkonfinali, biex jiġbru t-tariffi għal kopji privati fl-Istati Membri fejn ***il-prodott jitqiegħd fis-suq*** u jitħalla jiċċirkola liberament fis-suq intern mingħajr imposti addizzjonali; | 8. Jirrakkomanda, fil-każ ta' tranżazzjonijiet transkonfinali, biex jiġbru t-tariffi għal kopji privati fl-Istati Membri fejn ***tittieħed l-irċevuta tal-prodott jew tas-servizz*** u ***li l-prodott*** jitħalla jiċċirkola liberament fis-suq intern mingħajr imposti addizzjonali; |

Or. pl

**Emenda 91**
**Tadeusz Zwiefka, Piotr Borys**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jirrakkomanda, fil-każ ta' tranżazzjonijiet transkonfinali, biex jiġbru t-tariffi għal kopji privati fl-Istati Membri fejn ***il-prodott jitqiegħd fis-suq u jitħalla jiċċirkola liberament fis-suq intern mingħajr imposti addizzjonali***; | 8. Jirrakkomanda, fil-każ ta' tranżazzjonijiet transkonfinali, biex jiġbru t-tariffi għal kopji privati fl-Istati Membri fejn ***joqgħod l-utent finali***; |

Or. en

**Emenda 92**
**Cecilia Wikström, Christian Engström**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jirrakkomanda, fil-każ ta' | 8. Jirrakkomanda, fil-każ ta' |

| | |
|---|---|
| tranżazzjonijiet transkonfinali, biex jiġbru t-tariffi għal kopji privati fl-Istati Membri fejn ***il-prodott jitqiegħd*** fis-suq ***u*** jitħalla jiċċirkola liberament ***fis-suq intern*** mingħajr imposti addizzjonali; | tranżazzjonijiet transkonfinali, biex jiġbru t-tariffi għal kopji privati fl-Istati Membri fejn ***joqgħod l-utent finali; iżid li jekk prodott jitqiegħed*** fis-suq ***għandu*** jitħalla jiċċirkola liberament mingħajr imposti addizzjonali; |

Or. en

**Emenda 93**
**Marielle Gallo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jirrakkomanda, fil-każ ta' tranżazzjonijiet transkonfinali, biex jiġbru t-tariffi għal kopji privati fl-Istati Membri fejn il-prodott ***jitqiegħed fis-suq u jitħalla jiċċirkola liberament fis-suq intern mingħajr imposti addizzjonali***; | 8. Jirrakkomanda, fil-każ ta' tranżazzjonijiet transkonfinali, biex jiġbru t-tariffi għal kopji privati fl-Istati Membri fejn il-prodott ***jinxtara mill-konsumatur***; |

Or. fr

**Emenda 94**
**Françoise Castex**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jirrakkomanda, fil-każ ta' tranżazzjonijiet transkonfinali, biex jiġbru t-tariffi għal kopji privati fl-Istati Membri fejn ***il-prodott jitqiegħd fis-suq u jitħalla jiċċirkola liberament fis-suq intern mingħajr imposti addizzjonali***; | 8. Jirrakkomanda, fil-każ ta' tranżazzjonijiet transkonfinali, biex jiġbru t-tariffi għal kopji privati fl-Istati Membri fejn ***joqgħod l-utent finali b'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE***; |

Or. fr

**Emenda 95**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jirrakkomanda, fil-każ ta' tranżazzjonijiet transkonfinali, biex jiġbru t-tariffi għal kopji privati fl-Istati Membri fejn il-prodott ***jitqiegħd fis-suq*** u jitħalla jiċċirkola liberament fis-suq intern mingħajr imposti addizzjonali; | 8. Jirrakkomanda, fil-każ ta' tranżazzjonijiet transkonfinali, biex jiġbru t-tariffi għal kopji privati fl-Istati Membri fejn il-prodott ***jinbiegħ lill-utent aħħari*** u jitħalla jiċċirkola liberament fis-suq intern mingħajr imposti addizzjonali; |

Or. de

**Emenda 96**
**Eija-Riitta Korhola**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. ***Jirrakkomanda,*** fil-każ ta' tranżazzjonijiet transkonfinali, ***biex jiġbru t-tariffi*** għal kopji privati ***fl-Istati Membri fejn il-prodott jitqiegħd fis-suq u jitħalla jiċċirkola liberament fis-suq intern mingħajr imposti addizzjonali***; | 8. ***Jappoġġja r-regola tal-pajjiż tad-destinazzjoni*** fil-każ ta' tranżazzjonijiet transkonfinali ***fuq livell tal-UE. Il-bżonn għal kumpens joriġina***, ***mhux mit-tranżazzjonijiet transkonfinali, iżda mir-riproduzzjoni magħmula fuq dawk il-mezzi/l-apparat minn persuna fiżika*** għal ***użu privat. Għalhekk, il-ħlas tat-tariffa applikabbli għandu jsir skont il-liġi tal-pajjiż fejn l-apparat użat għal*** kopji privati ***jinxtara mill-konsumatur finali***; |

Or. en

**Emenda 97**
**Françoise Castex**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-interess tal-ħolqien ta' portal Ewropew ta' dikjarazzjoni sabiex jittaffa l-piż u jiġi ffaċilitat il-proċess tad-dikjarazzjoni għall-manifatturi u l-importaturi; tali portal għandu jkollu bħala funzjoni li jippermetti lill-importaturi u l-bejjiegħa mill-bogħod li jiddikkjaraw il-bejgħ u t-transazzjonijiet transkonfinali tal-prodotti eliġibbli f'post uniku;*** |

Or. fr

**Emenda 98**
**Jean-Marie Cavada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jitlob il-konferma fuq livell tal-Komunità tar-regola għall-pajjiż destinatarju dwar it-transazzjonijiet transkonfinali. Filfatt, il-preġudizzju li għandu jiġi rimborsat jidher mhux biss fuq livell tat-trasferiment tal-appoġġ ta' reġistrazzjoni iżda għar-riproduzzjoni mwettqa għal dan l-appoġġ minn persuna fiżika, għal użu privat. Il-bejjiegħ mill-bogħod għandu b'hekk ikun responsabbli għall-ħlas tat-tariffi applikabbli skont il-liġi tal-pajjiż fejn l-appoġġ jinxtara mill-konsumaturi finali.*** |

Or. fr

**Emenda 99**
**Jean-Marie Cavada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***9. Iqis li f'dan ir-rigward, it-tariffi għal kopji privati ma jistgħux jintalbu biss mill-gruppi ta' ġbir tal-Istati Membri meta kumpens simili ikun ġa ġie mħallas minn Stat Membru ieħor;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 100**
**Marielle Gallo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Iqis li f'dan ir-rigward, it-tariffi għal kopji privati ***ma jistgħux jintalbu*** biss ***mill-gruppi*** ta' ***ġbir tal-Istati Membri meta kumpens simili ikun ġa ġie mħallas minn Stat Membru ieħor***; | 9. Iqis li f'dan ir-rigward, it-tariffi għal kopji privati ***jistgħu jitħallsu darba*** biss ***f'każ*** ta' ***transazzjoni transkonfinali***; |

Or. fr

**Emenda 101**
**Françoise Castex**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Iqis li f'dan ir-rigward, it-tariffi għal kopji privati ma jistgħux jintalbu ***biss mill-gruppi ta' ġbir tal-Istati*** Membri ***meta kumpens simili ikun ġa ġie mħallas minn*** Stat Membru ***ieħor***; | 9. Iqis li f'dan ir-rigward, it-tariffi għal kopji privati ma jistgħux jintalbu ***għall-istess prodott f'bosta Stati*** Membri***; it-tariffi mhux xierqa kollha mħallsa fi*** Stat Membru ***differenti minn dak tal-utent finali għandhom ikunu soġġetti għal*** |

| | |
|---|---|
| | ***rimborż***; |

Or. fr

**Emenda 102**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Iqis li f'dan ir-rigward, it-tariffi għal kopji privati ma ***jistgħux*** jintalbu biss mill-gruppi ta' ġbir ***tal-Istati Membri*** meta kumpens simili ikun ġa ġie mħallas minn Stat Membru ieħor; | 9. Iqis li f'dan ir-rigward, it-tariffi għal kopji privati ma ***għandhomx*** jintalbu biss mill-gruppi ta' ġbir ***ta' Stat Membru wieħed*** meta kumpens simili ikun ġa ġie mħallas minn Stat Membru ieħor; |

Or. en

**Emenda 103**
**Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Jemmen li fl-Istati Membri fejn bħalissa t-tariffi qegħdin jiġu imposti jew jinġabru għandhom jissimplifikaw u jarmonizzaw ir-rati tat-tariffa tagħhom;*** |

Or. pl

**Emenda 104**
**Jean-Marie Cavada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Jitlob il-konferma, fil-livell tal-Komunità, tal-prinċipju ta' esklużjoni għal kull ħlas doppju tat-tariffi għal kopji privati meta l-bejgħ jimplika bosta Stati Membri; jirrakkomanda f'dan ir-rigward, l-implimentazzjoni tas-sistemi li jistabbilixxu minn naħa r-rimborż jew l-eżenzjoni tal-manifatturi u d-distributuri meta t-tariffi mħallsa jirrigwardaw il-prodotti esportati mingħajr ma jkunu mqiegħda f'ċirkolazzjoni fis-suq nazzjonali u min-naħa l-oħra, il-possibilità għad-detenturi ta' drittijiet li jwettqu kontrolli u verifiki li jippermettu l-valutazzjoni tal-kwantità ta' prodotti importati, esportati jew ċirkolati fis-swieq nazzjonali.*** |

Or. fr

**Emenda 105**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jistieden lill-Istati Membri biex jissimplifikaw il-proċeduri biex ***ikunu stabbiliti t-tariffi*** mal-partijiet interessati kollha b'mod ġust, biex jiżguraw l-għanijiet tagħhom; | 10. Jistieden lill-Istati Membri biex jissimplifikaw il-proċeduri biex ***biex jitneħħew gradwalment it-tariffi*** mal-partijiet interessati kollha b'mod ġust, biex jiżguraw l-għanijiet tagħhom; |

Or. en

**Emenda 106**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***11. Jenfasizza l-importanza li l-irwol tas-sistema tal-ikkuppjar privat għall-ħlasijiet ta' artisti u t-tixrid kulturali, ikun iktar viżibbli għall-konsumaturi; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lid-dipendenti biex jissostitwixxu l-kampanji kontra l-piraterija tagħhom ma' kampanji 'pożittivi' dwar il-virtujiet tat-tariffi għal kopji privati;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 107**
**Tadeusz Zwiefka, Piotr Borys**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jenfasizza l-importanza li l-irwol tas-sistema tal-ikkuppjar privat għall-ħlasijiet ta' artisti u t-tixrid kulturali, ikun iktar viżibbli għall-konsumaturi; iħeġġeġ lill-Istati Membri ***u lid-dipendenti biex jissostitwixxu l-kampanji*** kontra l-piraterija tagħhom ma' kampanji 'pożittivi' dwar il-virtujiet tat-tariffi għal kopji privati; | 11. Jenfasizza l-importanza li l-irwol tas-sistema tal-ikkuppjar privat għall-ħlasijiet ta' artisti u t-tixrid kulturali, ikun iktar viżibbli għall-konsumaturi; iħeġġeġ lill-Istati Membri ***sabiex jikkumplimentaw il-kampanji*** kontra l-piraterija tagħhom ma' kampanji 'pożittivi' dwar il-virtujiet tat-tariffi għal kopji privati; |

Or. en

**Emenda 108**
**Marielle Gallo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*
---|---
11. Jenfasizza l-importanza li l-irwol tas-sistema tal-ikkuppjar privat għall-ħlasijiet ta' artisti u t-tixrid kulturali, ikun iktar viżibbli għall-konsumaturi; iħeġġeġ lill-Istati Membri u ***lid-dipendenti*** biex ***jissostitwixxu l-kampanji kontra l-piraterija tagħhom ma'*** kampanji 'pożittivi' dwar il-virtujiet tat-tariffi għal kopji privati; | 11. Jenfasizza l-importanza li l-irwol tas-sistema tal-ikkuppjar privat għall-ħlasijiet ta' artisti u t-tixrid kulturali, ikun iktar viżibbli għall-konsumaturi; iħeġġeġ lill-Istati Membri u ***lid-detenturi*** biex ***jimplimentaw*** kampanji 'pożittivi' dwar il-virtujiet tat-tariffi għal kopji privati;

Or. fr

**Emenda 109**
**Jean-Marie Cavada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*
---|---
11. Jenfasizza l-importanza li l-irwol tas-sistema tal-ikkuppjar privat għall-ħlasijiet ta' artisti u t-tixrid kulturali, ikun iktar viżibbli għall-konsumaturi; iħeġġeġ lill-Istati Membri u ***lid-dipendenti*** biex ***jissostitwixxu l-kampanji*** kontra l-piraterija tagħhom ***ma'*** kampanji 'pożittivi' dwar il-virtujiet tat-tariffi għal kopji privati; | 11. Jenfasizza l-importanza li l-irwol tas-sistema tal-ikkuppjar privat għall-ħlasijiet ta' artisti u t-tixrid kulturali, ikun iktar viżibbli għall-konsumaturi; iħeġġeġ lill-Istati Membri u ***lid-detenturi*** biex ***fil-kampanji*** kontra l-piraterija tagħhom ***jinkludu*** kampanji 'pożittivi' dwar il-virtujiet tat-tariffi għal kopji privati;

Or. fr

**Emenda 110**
**Nadja Hirsch**
**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*
---|---
11. ***Jenfasizza l-importanza li l-irwol tas-sistema tal-ikkuppjar privat għall-ħlasijiet ta' artisti u t-tixrid kulturali, ikun iktar*** | 11. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lid-dipendenti biex jissostitwixxu l-kampanji kontra l-piraterija tagħhom ma' kampanji

| | |
|---|---|
| ***viżibbli għall-konsumaturi;*** iħeġġeġ lill-Istati Membri u lid-dipendenti biex jissostitwixxu l-kampanji kontra l-piraterija tagħhom ma' kampanji 'pożittivi' dwar ***il-virtujiet tat-tariffi*** għal kopji privati; | 'pożittivi' dwar ***ir-raġunijiet għat-tariffi*** għal kopji privati ***għar-remunerazzjoni tal-artisti***; |

Or. de

**Emenda 111**
**Angelika Niebler**
**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jenfasizza l-importanza li l-irwol tas-sistema tal-ikkuppjar privat għall-ħlasijiet ta' artisti u t-tixrid kulturali, ikun iktar viżibbli għall-konsumaturi; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lid-dipendenti biex ***jissostitwixxu l-kampanji*** kontra l-piraterija tagħhom ***ma***' kampanji 'pożittivi' dwar il-virtujiet tat-tariffi għal kopji privati; | 11. Jenfasizza l-importanza li l-irwol tas-sistema tal-ikkuppjar privat għall-ħlasijiet ta' artisti u t-tixrid kulturali, ikun iktar viżibbli għall-konsumaturi;iħeġġeġ lill-Istati Membri u lid-dipendenti biex ***jakkumpanjaw il-kampanji ġġustifikati*** kontra l-piraterija tagħhom ***b***'kampanji 'pożittivi' dwar il-virtujiet tat-tariffi għal kopji privati; |

Or. de

**Emenda 112**
**Sebastian Valentin Bodu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jemmen li l-konsumaturi għandhom ikunu infurmati bl-ammont ta' tariffi li jħallsu; jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jibdew konsultazzjoni mal-manifatturi, l-importaturi, il-bejjiegħa bl-imnut u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, biex jinkludu din l-informazzjoni fuq l-imballaġġ u safejn possibbli, fuq l-irċevuti u l-kontijiet tal-konsumaturi; | 12. Jemmen li l-konsumaturi għandhom ikunu infurmati bl-ammont ***u l-iskop*** ta' tariffi li jħallsu; jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jibdew konsultazzjoni mal-manifatturi, l-importaturi, il-bejjiegħa bl-imnut u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, biex jinkludu din l-informazzjoni fuq l-imballaġġ u safejn possibbli, fuq l-irċevuti u l-kontijiet tal-konsumaturi; |

Or. en

**Emenda 113**
**Marielle Gallo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jemmen li l-konsumaturi għandhom ikunu infurmati bl-ammont ta' tariffi li jħallsu; jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jibdew konsultazzjoni mal-manifatturi, l-importaturi, il-bejjiegħa bl-imnut u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi***, biex jinkludu din l-informazzjoni fuq l-imballaġġ u safejn possibbli, fuq l-irċevuti u l-kontijiet tal-konsumaturi***; | 12. Jemmen li l-konsumaturi għandhom ikunu infurmati bl-ammont ta' tariffi li jħallsu; jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jibdew konsultazzjoni mal-manifatturi, l-importaturi, il-bejjiegħa bl-imnut u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi; |

Or. fr

**Emenda 114**
**Jean-Marie Cavada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jemmen li l-konsumaturi għandhom ikunu infurmati bl-ammont ta' tariffi li jħallsu; jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jibdew konsultazzjoni mal-manifatturi, l-importaturi, il-bejjiegħa bl-imnut ***u*** l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, biex jinkludu din l-informazzjoni fuq l-imballaġġ u safejn possibbli, fuq l-irċevuti u l-kontijiet tal-konsumaturi; | 12. Jemmen li l-konsumaturi għandhom ikunu infurmati bl-ammont ta' tariffi li jħallsu; jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jibdew konsultazzjoni mal-manifatturi, l-importaturi, il-bejjiegħa bl-imnut***,*** l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi ***u d-detenturi tad-drittijiet***, biex jinkludu din l-informazzjoni fuq l-imballaġġ u safejn possibbli, fuq l-irċevuti u l-kontijiet tal-konsumaturi; |

Or. fr

**Emenda 115**
**Sajjad Karim**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jemmen li l-konsumaturi għandhom ikunu infurmati bl-ammont ta' tariffi li jħallsu; jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jibdew konsultazzjoni mal-manifatturi, l-importaturi, il-bejjiegħa bl-imnut u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, biex jinkludu din l-informazzjoni fuq l-imballaġġ u safejn possibbli, fuq l-irċevuti u l-kontijiet tal-konsumaturi; | 12. Jemmen li l-konsumaturi għandhom ikunu infurmati bl-ammont ***u l-iskop*** ta' tariffi li jħallsu; jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jibdew konsultazzjoni mal-manifatturi, l-importaturi, il-bejjiegħa bl-imnut u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, biex jinkludu din l-informazzjoni fuq l-imballaġġ u safejn possibbli, fuq l-irċevuti u l-kontijiet tal-konsumaturi; |

Or. en

**Emenda 116**
Hans-Peter Martin

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jemmen li l-konsumaturi għandhom ikunu infurmati bl-ammont ta' tariffi li jħallsu; jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jibdew konsultazzjoni mal-manifatturi, l-importaturi, il-bejjiegħa bl-imnut u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, biex jinkludu din l-informazzjoni fuq l-imballaġġ ***u safejn possibbli, fuq l-irċevuti u l-kontijiet tal-konsumaturi***; | 12. Jemmen li l-konsumaturi għandhom ikunu infurmati bl-ammont ta' tariffi li jħallsu ***u għal xiex jintużaw***; jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jibdew konsultazzjoni mal-manifatturi, l-importaturi, il-bejjiegħa bl-imnut u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, biex jinkludu din l-informazzjoni fuq l-imballaġġ; |

Or. de

**Emenda 117**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jemmen li l-konsumaturi għandhom ikunu infurmati bl-ammont ta' tariffi li jħallsu; jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jibdew konsultazzjoni mal-manifatturi, l-importaturi, il-bejjiegħa bl-imnut u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, biex ***jinkludu*** din l-informazzjoni fuq ***l-imballaġġ u safejn possibbli, fuq*** l-irċevuti u l-kontijiet tal-konsumaturi; | 12. Jemmen li l-konsumaturi għandhom ikunu infurmati bl-ammont ***preċiż*** ta' tariffi li jħallsu; jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jibdew konsultazzjoni mal-manifatturi, l-importaturi, il-bejjiegħa bl-imnut u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, biex din l-informazzjoni ***tkun espliċita*** fuq l-irċevuti u l-kontijiet tal-konsumaturi ***fuq il-livell tal-bejjiegħ bl-imnut***; |

Or. en

**Emenda 118**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jemmen li l-konsumaturi għandhom ikunu infurmati bl-ammont ta' tariffi li jħallsu; jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jibdew konsultazzjoni mal-manifatturi, l-importaturi, il-bejjiegħa bl-imnut u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, biex jinkludu din l-informazzjoni fuq l-imballaġġ ***u safejn possibbli,*** fuq l-irċevuti u l-kontijiet tal-konsumaturi; | 12. Jemmen li l-konsumaturi għandhom ikunu infurmati bl-ammont ta' tariffi li jħallsu ***u, jekk possibbli, għal xiex jintużaw***; jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jibdew konsultazzjoni mal-manifatturi, l-importaturi, il-bejjiegħa bl-imnut u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, biex jinkludu din l-informazzjoni fuq l-imballaġġ ***jew*** fuq l-irċevuti u l-kontijiet tal-konsumaturi; |

Or. de

**Emenda 119**
**Cecilia Wikström, Christian Engström**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 13. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jaddottaw ***sistema iktar*** trasparenti ta' eżenzjoni għall-użu professjonali; | 13. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jaddottaw ***regoli*** trasparenti ta' eżenzjoni għall-użu professjonali ***sabiex jiżguraw li jkunu eżentati, anke fil-prattika, minn tariffi għal kopji privati f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea***; |

Or. en

**Emenda 120**
**Cecilia Wikström, Christian Engström**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 14. Jistieden lill-Istati Membri biex ***jiżviluppaw sistema ta' rimborż effettiva tat-tariffi għal*** kopji privati meta r-rapporti tal-midja juru li hemm użu professjonali; | 14. Jistieden lill-Istati Membri biex ***jiżguraw li*** kopji privati ***qatt ma jkun meħtieġ li jitħallsu*** meta r-rapporti tal-midja juru li hemm użu professjonali ***u li diversi arranġamenti għar-rimborż tat-tariffi imħallsa għal utenti professjonali jiġu sostitwiti b'sistemi li jiggarantixxu li dawn l-utenti ma jkunux responsabbli li jħallsu t-tariffa***; |

Or. en

**Emenda 121**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Sottotitolu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Trasparenza fl-approprjazzjoni ***u l-politika kulturali*** | Trasparenza fl-approprjazzjoni |

Or. en

**Emenda 122**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jistieden lill-Istati Membri biex jassiguraw iktar trasparenza meta jallokaw ***ammonti*** mit-tariffi għal kopji privati; | 16. Jistieden lill-Istati Membri biex jassiguraw iktar trasparenza meta jallokaw ***id-dħul*** mit-tariffi għal kopji privati; |

Or. de

**Emenda 123**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***17. Jitlob lill-Istati Membri biex jaraw li minimu ta' 25% tal-ammont li ġej mill-ħlasijiet għal kopji privati jkunu użati biex jgħinu l-kreattività u l-arti tal-ispettaklu;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 124**
**Sajjad Karim**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***17. Jitlob lill-Istati Membri biex jaraw li minimu ta' 25% tal-ammont li ġej mill-ħlasijiet għal kopji privati jkunu użati biex jgħinu l-kreattività u l-arti tal-*** | ***imħassar*** |

***ispettaklu;***

Or. en

**Emenda 125**
**Sebastian Valentin Bodu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jitlob lill-Istati Membri biex jaraw li minimu ta' 25% tal-ammont li ġej mill-ħlasijiet għal kopji privati jkunu użati biex jgħinu l-kreattività u l-arti tal-ispettaklu; | 17. Jitlob lill-Istati Membri biex jaraw li minimu ta' 25% tal-ammont li ġej mill-ħlasijiet għal kopji privati jkunu użati biex jgħinu l-kreattività u l-arti tal-ispettaklu ***u l-produzzjoni tagħhom***; |

Or. en

**Emenda 126**
**Hans-Peter Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jitlob lill-Istati Membri biex jaraw li minimu ta' ***25%*** tal-ammont li ġej mill-ħlasijiet għal kopji privati jkunu użati biex jgħinu l-kreattività u l-arti tal-ispettaklu; | 17. Jitlob lill-Istati Membri biex jaraw li minimu ta' ***35%*** tal-ammont li ġej mill-ħlasijiet għal kopji privati jkunu użati biex jgħinu l-kreattività u l-arti tal-ispettaklu ***u l-artisti żgħażagħ***; |

Or. de

**Emenda 127**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jitlob lill-Istati Membri biex jaraw li minimu ta' 25% tal-ammont li ġej mill-ħlasijiet għal kopji privati jkunu użati biex jgħinu ***l-kreattività u l-arti tal-ispettaklu***; | 17. Jitlob lill-Istati Membri biex jaraw li minimu ta' 25% tal-ammont li ġej mill-ħlasijiet għal kopji privati jkunu użati biex jgħinu ***t-tneħħija gradwali tas-sistema kollha***; |

Or. en

**Emenda 128**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jistieden lill-Istati Membri biex jippubblikaw rapporti li jiddeskrivu dawn l-allokazzjonijiet ***b'mod miftuħ u interpretabbli***; | 18. Jistieden lill-Istati Membri biex jippubblikaw rapporti li jiddeskrivu dawn l-allokazzjonijiet ***ta' riżorsi għat-tneħħija gradwali bla xkiel tas-sistema kollha***; |

Or. en

**Emenda 129**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***19. Jinkoraġixxi lill-organizzaturi ta' attivitajiet kulturali u tal-arti tal-ispettaklu, li jibbenifikaw mit-tariffi għal kopji privati, biex jirrikklamaw iktar dawn is-sussidji mal-pubbliku tagħhom;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 130**
**Sajjad Karim**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***20. Ifakkar li l-eċċezzjoni ta' kopji privati tippermetti lill-konsumaturi jikkuppjaw liberament ir-repertorju mużikali u awdjoviżiv tagħhom jew jużaw materjal multimedjali għal għanijiet oħra minagħjr ma jitolbu l-awtorizzazzjoni tad-dipendenti, sakemm huma għall-użu privat;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 131**
**Tadeusz Zwiefka, Piotr Borys**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Ifakkar li ***l-eċċezzjoni*** ta' ***kopji privati*** tippermetti ***lill-konsumaturi jikkuppjaw liberament ir-repertorju*** mużikali u awdjoviżiv tagħhom ***jew jużaw materjal multimedjali għal għanijiet oħra minagħjr ma jitolbu l-awtorizzazzjoni tad-dipendenti, sakemm huma għall-użu privat***; | 20. Ifakkar li ***arranġamenti kuntrattwali bejn il-fornituri tas-servizz u d-detenturi tad-drittijiet qed jippermettu aktar l-għoti*** ta' ***liċenzji għad-dritt ta' riproduzzjoni, li*** tippermetti ***li l-konsumaturi jkollhom aċċess għall-materjal*** mużikali u awdjoviżiv tagħhom ***minn bosta apparati***; |

Or. en

**Emenda 132**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Ifakkar li l-eċċezzjoni ta' kopji privati tippermetti lill-konsumaturi jikkuppjaw ***liberament*** ir-repertorju mużikali u awdjoviżiv tagħhom jew jużaw materjal multimedjali għal għanijiet oħra ***minagħjr*** ma jitolbu l-awtorizzazzjoni tad-dipendenti, sakemm huma għall-użu privat; | 20. Ifakkar li l-eċċezzjoni ta' kopji privati tippermetti lill-konsumaturi jikkuppjaw ir-repertorju mużikali u awdjoviżiv tagħhom jew jużaw materjal multimedjali għal għanijiet oħra ***mingħajr*** ma jitolbu l-awtorizzazzjoni tad-dipendenti, sakemm huma għall-użu privat ***u ma jkunu ttieħdu l-ebda miżuri ta' protezzjoni***; |

Or. de

**Emenda 133**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Ifakkar li l-eċċezzjoni ta' kopji privati tippermetti lill-konsumaturi jikkuppjaw liberament ir-repertorju mużikali u awdjoviżiv tagħhom jew jużaw materjal multimedjali għal għanijiet oħra ***minagħjr*** ma jitolbu l-awtorizzazzjoni tad-dipendenti, sakemm huma għall-użu privat; | 20. Ifakkar li l-eċċezzjoni ta' kopji privati tippermetti lill-konsumaturi jikkuppjaw liberament ir-repertorju mużikali u awdjoviżiv tagħhom jew jużaw materjal multimedjali għal għanijiet oħra ***mingħajr*** ma jitolbu l-awtorizzazzjoni tad-dipendenti, sakemm huma għall-użu privat; ***u sakemm ir-riproduzzjoni tax-xogħlijiet ma tkunx ristretta bl-applikazzjoni tal-mekkaniżmi tekniċi ta' protezzjoni;*** |

Or. de

**Emenda 134**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Ifakkar li l-eċċezzjoni ta' kopji privati ***tippermetti lill-konsumaturi*** jikkuppjaw liberament ir-repertorju mużikali u | 20. Ifakkar li l-eċċezzjoni ta' kopji privati ***tagħti liċ-ċittadini d-dritt li*** jikkuppjaw liberament ir-repertorju mużikali u |

| | |
|---|---|
| awdjoviżiv tagħhom jew jużaw materjal multimedjali għal għanijiet oħra ***minagħjr*** ma jitolbu l-awtorizzazzjoni tad-dipendenti, sakemm huma għall-użu privat; | awdjoviżiv tagħhom jew jużaw materjal multimedjali għal għanijiet oħra ***mingħajr*** ma jitolbu l-awtorizzazzjoni tad-dipendenti, sakemm huma għall-użu privat; |

Or. en

**Emenda 135**
**Tadeusz Zwiefka, Piotr Borys**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***21. Jitlob it-tneħħija ta' miżuri tekniċi ta' protezzjoni li jikkawżaw żbilanċ fis-sistema ta' kopji privati bejn il-libertà tal-ikkuppjar u l-kumpens ġust tad-dipendenti;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 136**
**Sebastian Valentin Bodu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***21. Jitlob it-tneħħija ta' miżuri tekniċi ta' protezzjoni li jikkawżaw żbilanċ fis-sistema ta' kopji privati bejn il-libertà tal-ikkuppjar u l-kumpens ġust tad-dipendenti;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 137**
**Marielle Gallo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***21. Jitlob it-tneħħija ta' miżuri tekniċi ta' protezzjoni li jikkawżaw żbilanċ fis-sistema ta' kopji privati bejn il-libertà tal-ikkuppjar u l-kumpens ġust tad-dipendenti;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 138**
**Jean-Marie Cavada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***21. Jitlob it-tneħħija ta' miżuri tekniċi ta' protezzjoni li jikkawżaw żbilanċ fis-sistema ta' kopji privati bejn il-libertà tal-ikkuppjar u l-kumpens ġust tad-dipendenti;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 139**
**Sajjad Karim**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***21. Jitlob it-tneħħija ta' miżuri tekniċi ta' protezzjoni li jikkawżaw żbilanċ fis-sistema ta' kopji privati bejn il-libertà tal-ikkuppjar u l-kumpens ġust tad-dipendenti;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 140**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 21. ***Jitlob it-tneħħija*** ta' miżuri tekniċi ta' protezzjoni ***li jikkawżaw żbilanċ fis-sistema ta' kopji privati*** bejn il-libertà tal-ikkuppjar u ***l-kumpens ġust tad-dipendenti***; | 21. ***Jenfasizza li, b'mod partikolari fl-era diġitali, huwa meħtieġ li jiġi awtorizzat l-iskjerament*** ta' miżuri tekniċi ta' protezzjoni ***biex jerġa' jinkiseb il-bilanċ*** bejn il-libertà tal-ikkuppjar ***għall-użu privat*** u ***d-drittijiet esklussivi tal-ikkuppjar***; |

Or. de

**Emenda 141**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 21. Jitlob it-tneħħija ta' miżuri tekniċi ta' protezzjoni li ***jikkawżaw żbilanċ fis-sistema ta'*** kopji ***privati bejn il-libertà tal-ikkuppjar u l-kumpens*** ġust ***tad-dipendenti***; | 21. Jitlob it-tneħħija ta' miżuri tekniċi ta' protezzjoni li ***jostakolaw il-libertà taċ-ċittadini li jużaw id-dritt legali tagħhom li jagħmlu*** kopji ***għall-użu personali tagħhom għaliex jostakolaw ukoll il-kumpens*** ġust ***tal-artisti***; |

Or. en

**Emenda 142**
**Jean-Marie Cavada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Jenfasizza li l-miżuri tekniċi ta' protezzjoni m'għandhomx jostakolaw it-twettiq ta' kopji mill-konsumaturi u r-rimborż ġust tad-detenturi tad-drittijiet għal kopji privati.*** |

Or. fr

**Emenda 143**
**Sebastian Valentin Bodu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***22. Ifakkar li l-implimentazzjoni tad-drittijiet esklussivi ma tiggarantixxix drittijiet għad-detenturi kollha, u speċjalment għall-artisti, rimunerazzjoni ġusta u proporzjonata mad-dħul tax-xogħol tagħhom;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 144**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Sajjad Karim**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***22. Ifakkar li l-implimentazzjoni tad-drittijiet esklussivi ma tiggarantixxix drittijiet għad-detenturi kollha, u speċjalment għall-artisti, rimunerazzjoni ġusta u proporzjonata mad-dħul tax-xogħol tagħhom;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 145**
**Françoise Castex**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Ifakkar li l-implimentazzjoni tad-drittijiet esklussivi ma tiggarantixxix drittijiet għad-detenturi kollha, u speċjalment għall-artisti, rimunerazzjoni ġusta u proporzjonata mad-dħul tax-xogħol tagħhom; | 22. Ifakkar li l-implimentazzjoni tad-drittijiet esklussivi ma tiggarantixxix drittijiet għad-detenturi kollha, u speċjalment għall-artisti ***u għal ċerti kategoriji ta' awturi f'bosta Stati Membri***, rimunerazzjoni ġusta u proporzjonata mad-dħul tax-xogħol tagħhom; |

Or. fr

**Emenda 146**
**Josef Weidenholzer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***23. Josserva li, minkejja l-iżvilupp tal-aċċess permanenti għal xogħlijiet onlajn, il-prattika li ttella' fuq l-internet, tal-ħażna u tal-ikkuppjar privat għall-użu offlajn ikompli; iqis f'dan ir-rigward li t-tariffi għal kopji privati ma jistgħux jiġu sostitwiti minn sistema ta' liċenzja;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 147**
**Sebastian Valentin Bodu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Josserva li, minkejja l-iżvilupp tal-aċċess permanenti għal xogħlijiet onlajn, il-prattika li ttella' fuq l-internet, tal-ħażna u tal-ikkuppjar privat għall-użu offlajn ***ikompli***; iqis f'dan ir-rigward li t-tariffi għal kopji privati ***ma jistgħux jiġu sostitwiti minn sistema*** ta' liċenzja; | 23. Josserva li, minkejja l-iżvilupp tal-aċċess permanenti għal xogħlijiet onlajn, il-prattika li ttella' fuq l-internet, tal-ħażna u tal-ikkuppjar privat għall-użu offlajn ***qed tkompli***; iqis f'dan ir-rigward li t-tariffi għal kopji privati ***jissupplimentaw is-sistema*** ta' liċenzja; |

Or. en

**Emenda 148**
**Tadeusz Zwiefka, Piotr Borys**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. ***Josserva*** li***, minkejja l-iżvilupp tal-aċċess permanenti għal xogħlijiet onlajn, il-prattika li*** ttella' fuq l-internet, tal-ħażna u tal-ikkuppjar privat għall-użu offlajn ***ikompli;*** iqis ***f'dan ir-rigward*** li t-tariffi għal kopji privati ***ma jistgħux jiġu sostitwiti minn*** sistema ta' liċenzja; | 23. ***Fir-rigward tal-prattika*** li ttella' fuq l-internet, tal-ħażna u tal-ikkuppjar privat għall-użu offlajn iqis li t-tariffi għal kopji privati ***jibqgħu kumplimentari għal*** sistema ta' liċenzja; |

Or. en

**Emenda 149**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. ***Josserva*** li, ***minkejja*** l-iżvilupp tal-aċċess permanenti għal xogħlijiet onlajn, il-prattika li ttella' fuq l-internet, tal-ħażna u tal-ikkuppjar privat għall-użu offlajn ***ikompli; iqis f'dan ir-rigward li t-tariffi għal kopji privati ma jistgħux jiġu*** | 23. ***Huwa tal-opinjoni*** li, ***minħabba*** l-iżvilupp tal-aċċess permanenti għal xogħlijiet onlajn, il-prattika li ttella' fuq l-internet, tal-ħażna u tal-ikkuppjar privat għall-użu offlajn ***se jonqsu mingħajr, madankollu, ma jsiru negliġibbli; jemmen*** |

| | |
|---|---|
| ***sostitwiti minn sistema*** ta' liċenzja; | ***għalhekk li sistemi*** ta' liċenzja ***se jsiru dejjem iżjed importanti***; |

Or. de

**Emenda 150**
**Sajjad Karim**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Josserva li, ***minkejja*** l-iżvilupp tal-aċċess permanenti għal xogħlijiet onlajn, ***il-prattika*** li ttella' fuq l-internet, tal-ħażna u tal-ikkuppjar privat għall-użu offlajn ***ikompli***; iqis f'dan ir-rigward li t-tariffi għal kopji privati ***ma jistgħux jiġu sostitwiti*** minn ***sistema*** ta' liċenzja; | 23. Josserva li, ***apparti*** l-iżvilupp tal-aċċess permanenti għal xogħlijiet onlajn, ***il-prattiki tal-għoti tal-liċenzja jistgħu jippermettu l-prattika*** li ttella' fuq l-internet, tal-ħażna u tal-ikkuppjar privat għall-użu offlajn; iqis f'dan ir-rigward li t-tariffi għal kopji privati ***huma kumplimentati*** minn ***prattiki*** ta' ***għoti ta'*** liċenzja; |

Or. en

**Emenda 151**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Josserva li***, minkejja l-iżvilupp tal-aċċess permanenti*** għal ***xogħlijiet onlajn, il-prattika li ttella' fuq l-internet, tal-ħażna u tal-ikkuppjar privat għall-użu offlajn ikompli***; iqis f'dan ir-rigward li t-tariffi għal kopji privati ma jistgħux jiġu ***sostitwiti minn sistema ta' liċenzja***; | 23. Josserva li ***l-ħżin u l-ikkuppjar ta' xogħlijiet*** għal ***użu offlajn qed jiżdiedu flimkien maż-żieda fil-kapaċità ta' ħżin tal-midja tal-ħżin***; iqis f'dan ir-rigward li t-tariffi għal kopji privati ma jistgħux jiġu ***rrispettati u għandhom jitneħħew gradwalment***; |

Or. en

**Emenda 152**
**Hans-Peter Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 23. Josserva li, minkejja l-iżvilupp tal-aċċess permanenti għal xogħlijiet onlajn, il-prattika li ttella' fuq l-internet, tal-ħażna u tal-ikkuppjar privat għall-użu offlajn ***ikompli***; iqis f'dan ir-rigward li t-tariffi għal kopji privati ma jistgħux jiġu sostitwiti minn sistema ta' liċenzja; | 23. Josserva li, minkejja l-iżvilupp tal-aċċess permanenti għal xogħlijiet onlajn, il-prattika li ttella' fuq l-internet, tal-ħażna u tal-ikkuppjar privat għall-użu offlajn ***qed tkompli, li l-opportunitajiet għal tniżżil u ħżin legali ta' mużika u materjal awdjoviżiv se jintlaqgħu tajjeb mill-konsumaturi u li l-miżuri li jinkoraġġixxu dawn l-alternattivi legali huma l-iżjed mod effettiv kif jiġi evitat il-ksur tal-liġi***; iqis f'dan ir-rigward li t-tariffi għal kopji privati ma jistgħux jiġu sostitwiti minn sistema ta' liċenzja; |

Or. de

**Emenda 153**
**Sajjad Karim**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 23. Josserva li, ***minkejja*** l-iżvilupp tal-aċċess permanenti għal xogħlijiet onlajn, ***il-prattika*** li ttella' fuq l-internet, tal-ħażna u tal-ikkuppjar privat għall-użu offlajn ***ikompli***; iqis f'dan ir-rigward li t-tariffi għal kopji privati ***ma jistgħux jiġu sostitwiti*** minn ***sistema*** ta' liċenzja; | 23. Josserva li, ***apparti*** l-iżvilupp tal-aċċess permanenti għal xogħlijiet onlajn, ***il-prattiki tal-għoti ta' liċenzja jistgħu jippermettu l-prattika*** li ttella' fuq l-internet, tal-ħażna u tal-ikkuppjar privat għall-użu offlajn; iqis f'dan ir-rigward li t-tariffi għal kopji privati ***huma kumplimentati*** minn ***prattiki*** ta' ***għoti ta'*** liċenzja; |

Or. en

**Emenda 154**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Josserva li, minkejja l-iżvilupp tal-aċċess permanenti għal xogħlijiet onlajn, il-prattika li ttella' fuq l-internet, tal-ħażna u tal-ikkuppjar privat għall-użu offlajn ***ikompli***; iqis f'dan ir-rigward li t-tariffi għal kopji privati ma jistgħux jiġu sostitwiti minn sistema ta' liċenzja; | 23. Josserva li, minkejja l-iżvilupp tal-aċċess permanenti għal xogħlijiet onlajn, il-prattika li ttella' fuq l-internet, tal-ħażna u tal-ikkuppjar privat għall-użu offlajn ***qed tkompli***;iqis ***għalhekk*** f'dan ir-rigward li t-tariffi għal kopji privati ma jistgħux ***f'kull każ*** jiġu sostitwiti minn sistema ta' liċenzja; ***jenfasizza, madankollu, li għandha dejjem tingħata preferenza lill-mudelli ta' liċenzja jekk l-ebda kopja tax-xogħol bid-drittijiet tal-awtur ma tiġi maħżuna fuq it-tagħmir tat-terminal tal-utent u li, meta d-dipendenti jkun diġà qed jirċievi sehem ġust mid-dħul permezz tal-mudelli ta' liċenzja, ma jkunx hemm il-ħtieġa għal tariffa addizzjonali b'rata fissa;*** |

Or. de

**Emenda 155**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jinnota li l-ekonomija diġitali moderna qed tipprovdi numru kbir ta' servizzi onlajn fejn ċerti servizzi teknikament jeħtieġu l-ikkupjar tal-kontenut u oħrajn ma jeħtiġux dan, u fejn ftit minn dawn is-servizzi b'hekk ikunu soġġetti għal tariffi għal kopji privati u oħrajn ma jkunux; iqis li sistema ta' tariffi għal kopji privati għandha għalhekk titneħħa gradwalment sabiex*** |

| | |
|---|---|
| | ***ma jkunx hemm diskriminazzjoni bejn is-servizzi;*** |

Or. en

**Emenda 156**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***24. B'dan jenfasizza li għas-servizzi onlajn, l-awtorizzazzjoni kuntrattwali ma tistax tipprevali għad-detriment tal-eċċezzjoni għal kopja privata;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 157**
**Sajjad Karim**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***24. B'dan jenfasizza li għas-servizzi onlajn, l-awtorizzazzjoni kuntrattwali ma tistax tipprevali għad-detriment tal-eċċezzjoni għal kopja privata;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 158**
**Sebastian Valentin Bodu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. B’dan jenfasizza li għas-servizzi onlajn, ***l-awtorizzazzjoni*** kuntrattwali ***ma tistax tipprevali għad-detriment tal-eċċezzjoni*** għal kopja privata; | 24. B’dan jenfasizza li għas-servizzi onlajn, ***l-awtorizzazzjonijiet*** kuntrattwali ***huma ssupplimentati minn eċċezzjoni*** għal kopja privata; |

Or. en

**Emenda 159**
**Tadeusz Zwiefka, Piotr Borys**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. B’dan jenfasizza li għas-servizzi onlajn, ***l-awtorizzazzjoni*** kuntrattwali ***ma tistax tipprevali għad-detriment tal-eċċezzjoni*** għal kopja privata; | 24. B’dan jenfasizza li għas-servizzi onlajn, ***l-awtorizzazzjonijiet*** kuntrattwali ***jistgħu jiġu ssupplimentati minn tariffi*** għal kopja privata; |

Or. en

**Emenda 160**
**Marielle Gallo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. B’dan jenfasizza li ***għas-servizzi*** onlajn, ***l-awtorizzazzjoni kuntrattwali ma tistax tipprevali għad-detriment tal-eċċezzjoni għal kopja privata***; | 24. B’dan jenfasizza li ***l-eċċezzjoni għal kopji privati għandha l-għan li tapplika għal ċerti servizzi*** onlajn, ***inklużi ċerti servizzi tal-cloud computing***; |

Or. fr

**Emenda 161**
**Jean-Marie Cavada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. B'dan jenfasizza li għas-servizzi onlajn, ***l-awtorizzazzjoni*** kuntrattwali ma tistax tipprevali għad-detriment tal-eċċezzjoni ***għal kopja*** privata; | 24. B'dan jenfasizza li għas-servizzi onlajn, ***l-awtorizzazzjonijiet*** kuntrattwali ***relatata mal-kopji privati*** ma tistax tipprevali għad-detriment tal-eċċezzjoni ***ta' din il-kopja*** privata; |

Or. fr

**Emenda 162**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. B'dan jenfasizza li għas-servizzi onlajn, ***l-awtorizzazzjoni*** kuntrattwali ***ma tistax tipprevali għad-detriment tal-eċċezzjoni*** għal kopja privata; | 24. B'dan jenfasizza li għas-servizzi onlajn, ***l-awtorizzazzjonijiet*** kuntrattwali ***tista' teżisti flimkien jew bħala alternattiva għall-eċċezzjoni*** għal kopja privata; |

Or. de

**Emenda 163**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. B'dan jenfasizza li ***għas-servizzi onlajn, l-awtorizzazzjoni kuntrattwali ma tistax tipprevali għad-detriment tal-eċċezzjoni għal kopja privata***; | 24. B'dan ***li*** jenfasizza li ***d-dispożizzjonijiet tal-għoti ta' liċenzja ma għandhomx jillimitaw id-drittijiet legali taċ-ċittadini li jagħmlu kopji privati ta' kontenut miksub legalment***; |

Or. en

**Emenda 164**
**Josef Weidenholzer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. B'dan jenfasizza li għas-servizzi onlajn, ***l-awtorizzazzjoni kuntrattwali ma tistax tipprevali*** għad-detriment tal-eċċezzjoni għal kopja privata; | 24. B'dan jenfasizza li għas-servizzi onlajn, ***il-kundizzjonijiet ta' liċenzja ma jistgħux jipprevalu*** għad-detriment tal-eċċezzjoni għal kopja privata; |

Or. de

**Emenda 165**
**Jean-Marie Cavada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. L-applikazzjoni tad-dritt esklussiv, li huwa l-mezz ta' eżerċizzju primarju tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, partikolarment fl-ambjent diġitali, ma tistax tippermetti kontroll effikaċi u reali tal-użu tax-xogħlijiet u oġġetti protetti fis-settur privat.*** |

Or. fr

**Emenda 166**
**Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***25. Jemmen li l-kopji privati ta' xogħlijiet protetti maħluqa permezz ta' servizzi ta'*** | ***imħassar*** |

***"cloud computing" jista' jkollhom l-istess għan bħal dawk maħluqa permezz ta' apparat u materjal ta' reġistrazzjoni tradizzjonali u/jew diġitali; jikkunsidra, f'dawn iċ-ċirkostanzi, li dawn il-kopji għandhom jiġu kkunsidrati mill-mekkaniżmi ta' kumpens għal kopji privati;***

Or. pl

**Emenda 167**
**Marielle Gallo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***25. Jemmen li l-kopji privati ta' xogħlijiet protetti maħluqa permezz ta' servizzi ta' "cloud computing" jista' jkollhom l-istess għan bħal dawk maħluqa permezz ta' apparat u materjal ta' reġistrazzjoni tradizzjonali u/jew diġitali; jikkunsidra, f'dawn iċ-ċirkostanzi, li dawn il-kopji għandhom jiġu kkunsidrati mill-mekkaniżmi ta' kumpens għal kopji privati;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 168**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***25. Jemmen li l-kopji privati ta' xogħlijiet protetti maħluqa permezz ta' servizzi ta' "cloud computing" jista' jkollhom l-istess għan bħal dawk maħluqa permezz ta' apparat u materjal ta' reġistrazzjoni tradizzjonali u/jew diġitali; jikkunsidra, f'dawn iċ-ċirkostanzi, li dawn il-kopji*** | ***imħassar*** |

***għandhom jiġu kkunsidrati mill-mekkaniżmi ta' kumpens għal kopji privati;***

Or. de

**Emenda 169**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***25. Jemmen li l-kopji privati ta' xogħlijiet protetti maħluqa permezz ta' servizzi ta' "cloud computing" jista' jkollhom l-istess għan bħal dawk maħluqa permezz ta' apparat u materjal ta' reġistrazzjoni tradizzjonali u/jew diġitali; jikkunsidra, f'dawn iċ-ċirkostanzi, li dawn il-kopji għandhom jiġu kkunsidrati mill-mekkaniżmi ta' kumpens għal kopji privati;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 170**
**Josef Weidenholzer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***25. Jemmen li l-kopji privati ta' xogħlijiet protetti maħluqa permezz ta' servizzi ta' "cloud computing" jista' jkollhom l-istess għan bħal dawk maħluqa permezz ta' apparat u materjal ta' reġistrazzjoni tradizzjonali u/jew diġitali; jikkunsidra, f'dawn iċ-ċirkostanzi, li dawn il-kopji għandhom jiġu kkunsidrati mill-mekkaniżmi ta' kumpens għal kopji privati;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 171**
**Jean-Marie Cavada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jemmen li l-kopji ***privati*** ta' xogħlijiet protetti maħluqa permezz ta' servizzi ta' "cloud computing" jista' jkollhom l-istess għan bħal dawk maħluqa permezz ta' apparat u materjal ta' reġistrazzjoni tradizzjonali u/jew diġitali; jikkunsidra, f'dawn iċ-ċirkostanzi, li dawn il-kopji ***għandhom*** jiġu kkunsidrati mill-mekkaniżmi ta' kumpens għal kopji privati; | 25. Jemmen li l-kopji ta' xogħlijiet protetti maħluqa permezz ta' servizzi ta' "cloud computing" jista' ***f'ċerti każi*** jkollhom l-istess għan bħal dawk maħluqa permezz ta' apparat u materjal ta' reġistrazzjoni tradizzjonali u/jew diġitali; jikkunsidra, f'dawn iċ-ċirkostanzi, li dawn il-kopji ***jistgħu*** jiġu kkunsidrati mill-mekkaniżmi ta' kumpens għal kopji privati; |

Or. fr

**Emenda 172**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jemmen li l-kopji privati ta' xogħlijiet protetti maħluqa permezz ta' servizzi ta' "cloud computing" jista' jkollhom ***l-istess għan bħal*** dawk maħluqa permezz ta' apparat u materjal ta' reġistrazzjoni tradizzjonali u/jew diġitali; jikkunsidra, f'dawn iċ-ċirkostanzi, li dawn ***il-kopji għandhom*** jiġu ***kkunsidrati mill-mekkaniżmi*** ta' kumpens għal kopji privati; | 25. Jemmen li l-kopji privati ta' xogħlijiet protetti maħluqa permezz ta' servizzi ***ġodda*** ta' "cloud computing" jista' jkollhom ***għanijiet ġodda meta mqabbla ma'*** dawk maħluqa permezz ta' apparat u materjal ta' reġistrazzjoni tradizzjonali u/jew diġitali; jikkunsidra, f'dawn iċ-ċirkostanzi, li dawn ***il-mezzi ġodda m'għandhomx*** jiġu ***inklużi fil-mekkaniżmi attwali*** ta' kumpens għal kopji privati; |

Or. en

**Emenda 173**
**Ivo Belet**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jemmen li l-kopji privati ta' xogħlijiet protetti maħluqa permezz ta' servizzi ta' "cloud computing" jista' jkollhom l-istess għan bħal dawk maħluqa permezz ta' apparat u materjal ta' reġistrazzjoni tradizzjonali u/jew diġitali; jikkunsidra, f'dawn iċ-ċirkostanzi, li dawn il-kopji għandhom jiġu kkunsidrati mill-mekkaniżmi ta' kumpens għal kopji privati; | 25. Jemmen li l-kopji privati ta' xogħlijiet protetti maħluqa ***minn persuni fiżiċi*** permezz ta' servizzi ta' "cloud computing" jista' jkollhom l-istess għan bħal dawk maħluqa permezz ta' apparat u materjal ta' reġistrazzjoni tradizzjonali u/jew diġitali ***sakemm dawn il-kopji jissoddisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5(2)(b) u l-Artikolu 5(5) tad-Direttiva 2001/29/KE***; jikkunsidra, f'dawn iċ-ċirkostanzi, li dawn il-kopji għandhom jiġu kkunsidrati mill-mekkaniżmi ta' kumpens għal kopji privati; ***Jenfasizza madankollu li s-servizzi ta' cloud computing li huma parti diretta jew indiretta ta' attività kummerċjali ma jistgħux jiġu koperti mill-eċċezzjoni għall-kopji privati; Għalhekk jitlob lill-Kummissjoni sabiex tivvaluta l-leġittimità tas-servizzi tal-mużika jew awdjoviżivi li jiddikjaraw li huma bbażati fuq l-eċċezzjoni għall-kopji privati, b'mod partikolari l-impatt tagħhom fuq l-iżvilupp ta' offerti legali;*** |

Or. en

**Emenda 174**
**Jean-Marie Cavada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***26. Jitlob lill-Kummissjoni biex tevalwa l-impatt fuq is-sistema tal-ikkuppjar privat*** | ***imħassar*** |

***tas-servizzi tal-"cloud computing" li joffru possibiltajiet ta' riproduzzjoni u ta' ħażna għal għanijiet privati, biex jiddeterminaw kif dawn il-kopji privati ta' xogħol protett għandhom jiġu kkunsidrati fil-mekkaniżmu ta' kumpens;***

Or. fr

**Emenda 175**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***26. Jitlob lill-Kummissjoni biex tevalwa l-impatt fuq is-sistema tal-ikkuppjar privat tas-servizzi tal-"cloud computing" li joffru possibiltajiet ta' riproduzzjoni u ta' ħażna għal għanijiet privati, biex jiddeterminaw kif dawn il-kopji privati ta' xogħol protett għandhom jiġu kkunsidrati fil-mekkaniżmu ta' kumpens;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 176**
**Josef Weidenholzer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***26. Jitlob lill-Kummissjoni biex tevalwa l-impatt fuq is-sistema tal-ikkuppjar privat tas-servizzi tal-"cloud computing" li joffru possibiltajiet ta' riproduzzjoni u ta' ħażna għal għanijiet privati, biex jiddeterminaw kif dawn il-kopji privati ta' xogħol protett għandhom jiġu kkunsidrati fil-mekkaniżmu ta' kumpens;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 177**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 26. Jitlob lill-Kummissjoni biex tevalwa l-impatt fuq is-sistema tal-ikkuppjar privat tas-servizzi tal-"cloud computing" li joffru possibiltajiet ta' riproduzzjoni u ta' ħażna għal għanijiet privati, biex jiddeterminaw ***kif*** dawn il-kopji privati ta' xogħol protett ***għandhom*** jiġu kkunsidrati fil-mekkaniżmu ta' kumpens; | 26. Jitlob lill-Kummissjoni biex tevalwa l-impatt fuq is-sistema tal-ikkuppjar privat tas-servizzi tal-"cloud computing" li joffru possibiltajiet ta' riproduzzjoni u ta' ħażna għal għanijiet privati, biex jiddeterminaw ***jekk*** dawn il-kopji privati ta' xogħol protett ***għandhomx*** jiġu kkunsidrati fil-mekkaniżmu ta' kumpens ***u, jekk inhu hekk, kif dan għandu jsir***; |

Or. de

**Emenda 178**
**Cecilia Wikström, Christian Engström, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 26. Jitlob lill-Kummissjoni biex tevalwa l-impatt fuq is-sistema tal-ikkuppjar privat tas-servizzi tal-"cloud computing" li joffru possibiltajiet ta' riproduzzjoni u ta' ħażna għal għanijiet privati, biex jiddeterminaw kif dawn il-kopji privati ta' xogħol protett għandhom jiġu ***kkunsidrati fil-mekkaniżmu*** ta' kumpens; | 26. Jitlob lill-Kummissjoni biex tevalwa l-impatt fuq is-sistema tal-ikkuppjar privat tas-servizzi tal-"cloud computing" li joffru possibiltajiet ta' riproduzzjoni u ta' ħażna għal għanijiet privati, biex jiddeterminaw kif dawn il-kopji privati ta' xogħol protett għandhom jiġu ***esklużi mill-mekkaniżmu*** ta' kumpens; |

Or. en

**Emenda 179**
**Jean-Marie Cavada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***26a. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tevalwa l-impatt fuq is-sistema tal-ikkuppjar privat tas-servizzi tal-cloud computing li joffru possibiltajiet ta' riproduzzjoni u ta' ħażna għal għanijiet privati, biex tiddetermina kif dawn il-kopji privati ta' xogħol protett għandhom jiġu kkunsidrati fil-mekkaniżmu ta' kumpens. Jitlob ukoll li titnieda diskussjoni dwar is-sistema ġudizzjarja tas-sistemi tal-cloud computing fir-rigward tal-prinċipji tal-proprjetà intellettwali.*** |

Or. fr

**Emenda 180**
**Tadeusz Zwiefka, Piotr Borys**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***27. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw il-possibiltà ta' leġiżlazzjoni tal-qsim tax-xogħol b'għan mhux kummerċjali biex ikun garantit aċċess għal iktar kontenut varjat u għażla reali għad-diversità kulturali lill-konsumatur;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 181**
**Sebastian Valentin Bodu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***27. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw il-possibiltà ta' leġiżlazzjoni tal-qsim tax-xogħol b'għan mhux kummerċjali biex ikun garantit aċċess għal iktar kontenut varjat u għażla reali għad-diversità kulturali lill-konsumatur;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 182**
**Marielle Gallo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***27. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw il-possibiltà ta' leġiżlazzjoni tal-qsim tax-xogħol b'għan mhux kummerċjali biex ikun garantit aċċess għal iktar kontenut varjat u għażla reali għad-diversità kulturali lill-konsumatur;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 183**
**Jean-Marie Cavada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***27. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw il-possibiltà ta' leġiżlazzjoni tal-qsim tax-xogħol b'għan mhux kummerċjali biex ikun garantit aċċess għal iktar kontenut varjat u għażla*** | ***imħassar*** |

***reali għad-diversità kulturali lill-konsumatur;***

Or. fr

**Emenda 184**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***27. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw il-possibiltà ta' leġiżlazzjoni tal-qsim tax-xogħol b'għan mhux kummerċjali biex ikun garantit aċċess għal iktar kontenut varjat u għażla reali għad-diversità kulturali lill-konsumatur;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 185**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***27. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw il-possibiltà ta' leġiżlazzjoni tal-qsim tax-xogħol b'għan mhux kummerċjali biex ikun garantit aċċess għal iktar kontenut varjat u għażla reali għad-diversità kulturali lill-konsumatur;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 186**
**Cecilia Wikström, Sajjad Karim**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***27. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw il-possibiltà ta' leġiżlazzjoni tal-qsim tax-xogħol b'għan mhux kummerċjali biex ikun garantit aċċess għal iktar kontenut varjat u għażla reali għad-diversità kulturali lill-konsumatur;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 187**
**Eija-Riitta Korhola**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***27. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw il-possibiltà ta' leġiżlazzjoni tal-qsim tax-xogħol b'għan mhux kummerċjali biex ikun garantit aċċess għal iktar kontenut varjat u għażla reali għad-diversità kulturali lill-konsumatur;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 188**
**Luigi Berlinguer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 27. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw ***il-possibiltà ta' leġiżlazzjoni tal-qsim tax-xogħol b'għan mhux kummerċjali*** biex ikun garantit aċċess għal iktar kontenut varjat u għażla | 27. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw ***l-interpetazzjoni tal-imġiba tal-ikkuppjar fl-ambjent diġitali, u jressqu soluzzjonijiet,*** biex ikun garantit aċċess għal iktar |

| | |
|---|---|
| reali għad-diversità kulturali lill-konsumatur; | kontenut varjat u għażla reali għad-diversità kulturali lill-konsumatur; |

Or. en

**Emenda 189**
**Marietje Schaake**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 27. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ***jikkunsidraw il-possibiltà*** ta' leġiżlazzjoni tal-qsim tax-xogħol b'għan mhux kummerċjali biex ikun garantit aċċess għal iktar kontenut varjat u għażla reali għad-diversità kulturali lill-konsumatur; | 27. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ***jivvalutaw l-impatt*** ta' leġiżlazzjoni tal-qsim tax-xogħol b'għan mhux kummerċjali biex ikun garantit aċċess għal iktar kontenut varjat u għażla reali għad-diversità kulturali lill-konsumatur; |

Or. en

**Emenda 190**
**Josef Weidenholzer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 27. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw il-possibiltà ta' leġiżlazzjoni tal-qsim tax-xogħol b'għan mhux kummerċjali biex ikun garantit aċċess għal iktar kontenut varjat u għażla reali għad-diversità kulturali lill-konsumatur; | 27. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw il-possibiltà ta' leġiżlazzjoni tal-qsim tax-xogħol b'għan mhux kummerċjali biex ikun garantit aċċess għal iktar kontenut varjat u għażla reali għad-diversità kulturali lill-konsumatur ***u biex jippreżentaw soluzzjonijiet possibbli sabiex jiġi ffaċilitat l-użu tax-xogħlijiet mhux kummerċjali u trasformattivi fid-dinja diġitali ta' kuljum mingħajr proċeduri kkumplikati ta' approvazzjoni tad-drittijiet u ħielsa mill-inċertezza legali***; |

Or. de